Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 336 / 2019

Il-Pulizija

(Supretendent Louise Calleja)

vs

**Roderick Vella**

Illum, 1 ta' Gunju, 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Roderick Vella, detentur tal-karta tal-identita' numru 420585(M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fil-Gzira u fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, f'Lulju 2011 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1) Biex jissodisfa z-ziena ta' haddiehor gieghel bil-vjolenza persuna tal-eta' u cioe' lil *Omissis* ghall-prostituzzjoni, liema reat sar bhala drawwa jew bi hsieb ta' qliegh, u dan bi ksur tal-Artikolu 205 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Bla ordni skont il-ligi tal-awtorita' kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil *Omissis* kontra l-volonta' taghha u dan bhala mezz sabiex l-

imsemmija *Omissis* kienet imgieghla taghmel il-prostituzzjoni u dan bi ksur tal-artikolu 86 u 87(1)(f) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3) Xjentement ghex, ghal kollox jew f'parti minn fuq qliegh tal-prostituzzjoni ta' *Omissis* u dan bi ksur tal-Artikolu 7(1) tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta;

4) Zamm jew ezercita jew kellu sehem ma' ohrajn fl-ezercizzju ta' burdell jew ta' dar, hanut jew lokal iehor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew maghduda bhala li huma ffrekwentati ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali;

5) Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' *Omissis* f'periklu car, ikkaguna hsara tal-gisem jew fis-sahha taghha u kkagunalha ferita ta' natura hafifa u dan bi ksur tal-artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6) Uza l-vjolenza sabiex igieghel lil *Omissis* taghmel xi haga u cioe' tipprostitwixxi ruhha u dan bi ksur tal-artikolu 251 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex jekk jidhrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurta' tal-imsemmija Ommis, l-familja taghha u xi persuni ohra, minn issa tapplika l-provvedimenti tal-artikoli 412C tal-Kodici Kriminali u taghmel Ordni ta' Protezzjoni taht dawk il-kawteli li din il-Qorti jidhrilha li huma xierqa.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta' Novembru, 2019 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 205 (b), 221 (1), 251(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 7(1)(3) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati tal-ewwel, it-tielet, il-hames u s-sitt imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat u ikkundannatu ghall-piena ta' hmistax-il (15) xahar prigunerija effettiva li minnha jitnaqqas il-perjodu li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni mal-kaz.

L-imputat ma nstabx hati tat-tieni u r-raba' imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u minnhom illiberatu.

In oltre a tenur tal-artikolu 382A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat l-hrug ta' ordni ta' trazzin fil-konfront tal-hati li permezz tieghu taghti effett ghall kull ma hemm fis-subinciz (3) tal-artiklu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghaf-favur ta' Ommis u l-familjari taghha ghal zmien tlett (3) snin millum.

Rat ir-rikors tal-appellanti Roderick Vella minnu pprezentat fis-16 ta' Dicembru, 2019, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonferma dik il-parti fejn huwa gie misjub mhux hati tat-tieni u r-raba' imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u minnhom gie lliberat filwaqt li thassar u tikkancella dik il-parti fejn sabet lill-esponent hati tal-ewwel, it-tielet, il-hames u s-sitt imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal- imputat u kkundannatu ghall-piena ta' hmistax-il (15) xahar prigunerija effettiva li minnha jitnaqqas il-perjodu li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni mal-kaz odjern u fejn ordnat l-hrug ta' ordni ta' trazzin fil-konfront tal-hati a favur ta' *Omissis* u l-familjari taghha ghal zmien tlett (3) snin millum u minflok tilliberah minn kull htija u piena, alternattivament u mnbghjar pregudizzju ghal-ewwel talba, tirriforma s-sentenza appellata billi tvarja l-istess f'dik il-parti li tikkoncerna l-piena nflitta billi tapplika minflok piena alternattiva, aktar miti gusta u ekwa ghall-kaz.

Rat l-aggravji tal-appellanti li huma cari u manifesti u jikkonsistu fis-segwenti:

1. Illi l-ewwel Qorti ma' setghat qatt legalment u ragonevolment issib htija fil-konfront tal-akkuzat dwar l-akkuzi 1,3,5 u 6 u ghamlet apprezzament ghal kollox irragonevoli tal-provi prodotti quddiema illi kienu tali illi in *pessima ipotesi* ghad-difiza dawn ma' kienux tali li setghu qatt legalment iservu sufficjentement sabiex isejsu l-htija sal-grad tal-konvinciment morali fil-konfront tal-esponent.

L-appellant pero immur oltre u jissottometti illi a bazi tal-istess provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti anki mill-prosekuzzoni, b' abbinament mal-principju sakrosant tal-prezunzjoni tal-innocenza u r-regoli korollari kollha l-ohra li johrogu

minnu, l-unika decizjoni legalment u ragonevolment valida kienet biss dik li l-akkuzi kollha mressqa kontra l-esponent kienu mainfestment infondati.

Illi dan kollu ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni orali ta' dan l-appell fejn l-esponent sa minn issa qed jirriserva illi jamplifika dwar dan l-aggravju billi jaghmel referenza esetensiva ghall-provi kollha nkluz ukoll dawk dokumentarji li gew mressqa mill-prosekuzzjoni u li a bazi taghhom mhux talli ma' ssib ebda komfort ta' korroborazzjoni il-versjoni u t-tezi tal-prosekuzzjoni u ta' xhud ewlieni u parte civile *Omissis* minn kwalunkwe xhud jew prova ohra mressqa minnha stess, izda addiritura l-istess provi mressqa mill-prosekuzzjoni juru anzi bil-kontra u cioe' li in effetti illi il-versjoni u t-tezi tal-prosekuzzjoni u ta' xhud ewlieni u parte civile *Omissis* kienu manifestament u totalment foloz u inveritiera, manifatturata u mgebda ben oltre l-limiti ta' dak li qatt jista jkollu mis-sewwa.

2. Illi l-ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni u/jew interpretazzjoni skoretta u/jew inkompleta tal-Ligi meta sabet htija dwar l-akkuza principali u cioe' l-ewwel imputazzjoni a tenur tal-Artikolu 205 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet a' Malta u dan ghaliex hija mankanti ghal kollox il-prova ta' element materjali tar-reat kif mitluba u rikjesta mill-Artikolu 206 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet a' Malta.

3. Illi l-piena nflitta kienet wahda eccessiva u gravuza u li ma' kienetx taghmel tajjeb ghal kaz. L-esponent f' dan il-kuntest f' dan l-istadju jirrileva illi tenut kont ta; (i) tenut kont tan-natura semplici tal-kaz li kien fih numru minimu ta' xhieda, t-trapass ezageratament twil ta' zmien mid-data tal-akkadut sad-data tas-sentenza u cioe' tmien snin, ghal liema dewmien b' ebda mod ma' jahti huwa, (ii) il-fedina netta tieghu salv propju ghal incident *de minimis* ma' omm il-parte civile, (iii) il-fatt illi l-allegazzjoni ta' sfruttament kienet testendi ghal perjodu relattivament minimu ta' ftit gimghat [ anqas minn erbgha xhur ] (iv) il-fatt illi tul dawn l-ahhar tmien snin li ilhom ghaddejja dawn il-proceduri huwa ma' xelifx difrejh mal-ligi u wisq aktar huwa aderixxa mal-kundizzjonijiet kollha tal-helsien millarrest tieghu b' mod rigoruz liema kienu jinkludu restrizzjoni fuq il-liberta u l-movimenti tieghu.

Ikkunsidrat,

Illi in breve, il-fatti kienu s-segwenti:

1. Illi f'Jannar tas-sena elfejn u tnax (2012) l-Ispettur Louise Calleja irceviet kwerela fejn *Omissis* allegat li l-appellant kien gieghlha tipprostitwixxi ruhha;

2. Skont ix-xhieda ta' *Omissis* dan sehh bejn Marzu u nofs Lulju tas-sena elfejn u hdax (2011);

3. Gie allegat ukoll li *Omissis* kienet taghti l-flus li kienet taqla mill-prostituzzjoni lill-appellant u li f'xi waqtiet kienet tiddepozitahom fil-kont bankarju tal-appellant;

4. Gie allegat ukoll li l-appellant kien anke jkun vjolenti fil-konfront ta' *Omissis*.

5. Ghalhekk inhargu l-imputazzjonijiet fil-konfront tal-appellant.

Illi l-appell tal-appellant huwa principarjament ibbazat fuq l-apprezzament ta' provi maghmul mill-Ewwel Qorti. Kif meqjus fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Neil Harrison) vs Raymond Azzopardi'**[1]:

*'...din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi sakemm il-konkluzzjoni tal- Ewwel Qorti ma tkunx tidher li hija legalment jew logikament zbaljata w sakemm ma tkunx tidher li hija wahda "unsafe and unsatisfactory".*

*Hekk gie ritenut li :-*

*"Hu principju stabilit fil-gurisprudenza li l-Qorti tal-Appell Kriminali ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall- konkluzzjoni li waslet ghaliha." (App. Krim. "Il-Pulizija vs. Amadeo Brincat et." [6.6.1994] per V. De Gaetano J. )*

*u*

[1] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fid-9 ta' April, 2003 (Appell Kriminali numru: 199/2002)

*"Il-Qorti tal-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id- diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill- Ewwel Qorti , izda taghmel apprezzament approfondit tal- istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kienetx ragonevoli fil-konkluzzjoni taghha." (ara :App. Krim. "l-Pulizija vs. Raymond Psaila et." [12.5.1994] , "Il-Pulizija vs. Joseph Zahra" [10.5.2002] u ohrajn.)'*

Illi l-ewwel aggravju mressaq mill-appellant jirrigwarda l-apprezzament irragonevoli tal-provi dwar l-akkuzi 1, 3, 5 u 6 li skont l-appellant ma kienux tali li setghu qatt legalment iservu sufficjentement sabiex isejsu l-htija sal-grad tal-konvinciment morali fil-konfront tal-appellant. L-appellant jissottometti li l-akkuzi kollha mressqa kontrih kienu manifestement infondati. Jissottometti li l-provi kollha nkluz dawk dokumentarji li gew mressqa mill-prosekuzzjoni u li a bazi taghhom mhux talli ma ssib ebda komfort ta' korroborazjzoni il-verzjoni u t-tezi tal-prosekuzzjoni u ta' xhud ewlieni u parte civile *Omissis* minn kwalunkwe xhud jew prova ohra mressqa minnha stess. Skont l-appellant, il-provi mressqa mill-prosekuzzjoni juru bil-kontra u cioe' li l-verzjoni u t-tezi tal-prosekuzzjoni u ta' xhud ewlieni u parte civile *Omissis* kienu manifestament u totalment foloz u inveritiera manifatturata u mgebda ben oltre l-limiti ta' dak li qatt jista' jkollu mis-sewwa.

L-**Ispettur Louise Calleja** fis-seduta tal-25 ta' Lulju, 2012 spjegat li fil-bidu tas-sena elfejn u tnax (2012) ireviet kwerelat minghand Dr Lorna Mifsud Cachia ghan-nom ta' *Omissis* fejn f'din il-kwerela kien hemm allegazzjoni li *Omissis* kienet qed tintbghat ghal prostituzzjoni gewwa l-Gzira mill-ex partner tgahha, certu Roderick Vella. *Omissis* kienet qieghda taghmel complaint fejn dan Roderick Vella kien geghla tipprostitwixxi ruhha fil-perjodu bejn '*Marzu, 2001 u Lulju tal-2011 u li l-flus li kienet tiehu minn dawn l-attivita tal-prostituzzjoni kienet qed tghaddihom kollha lill-istess Roderick Vella.*' Kienet infurmat lil Magistrat tal-Ghassa Dr Claire Stafrace Zammit fejn infurmatha li se tiehu x-xhieda taghha bil-gurament. Fis-16 ta' Marzu din ittiehdet ix-xhieda taghha bil-gurament fejn spjegat li kienet ila f'relazzjoni ma' Roderick Vella ghal seba' snin, imma fis-sena 2011, bdiet tara li kien qed jikkomporta ruhu b'mod differenti mis-soltu. Kienet tafu sew, ghax kien ilu maghha seba' snin. Kien qed johrog hafna wahdu u kien qed '*jibboderjaha*' peress li din kienet qeghda f'relazzjoni mieghu. Infatti iddecidiet darba minnhom li tara dan fejn qed ikun, fejn qed

jiffrekwenta fejn qed ikun wahdu u sabitu gewwa l-area tal-Gzira, fejn hi spjegatilna li hija notorja, hija maghrufa ghall-prostituzjoni. Kien qieghda ma tfajla ohra, kien qieghed fil-karozza tieghu, kien qieghda ma tfajla li jisimha Chanelle. Kien spjegali li Chanelle kienet habiba tieghu u li kienet prostituta, qalilha dakinhar stess lil *Omissis* il-partner tieghu '*ikun ahjar li inti tibda taghmel xoghol ta' prostituta*', jigifieri taghti s-servizz sesswali lil klijenti u hemmhekk fl-area tal-Gzira. Hi tispjega li beda jgeghla tmur titlajja u thajjar lil klijenti fil-vicinanzi tal-pompa ta' Paul and Rocco fil-Gzira u qalilha '*trid tistieden lill-klijenti u ttihom servizz sesswali, igifieri komplut, bl-intercourse, ghall-prezz ta' erbghin euro (€40), full sex qaltilna, forty euro (€40) full sex. Hi taghmlu dan ix-xoghol u kienet tmur filghaxija ghax filghodu kienet tahdem f'post iehor u qalet dawn il-flus keient tghaddihom, jew lil Roderick tghaddihomlu, jew inkella tmur tiddepozitahom gewwa l-account li ghandu mal-BOV. Kif spjegatilna din bdiet f'Marzu tal-2011, bdiet taghmel dan ix-xoghol, u waqfet, hi tiftakar waqfet ezatt fil-11 ta' Lulju, 2011, meta, tiftakar li kienet gurnata partikolari, meta xhin lestiet mix-xoghol, kienet marret fil-karozza ta' Roderick Vella sakkarha fil-karozza u hemmhekk beda jswawwatha, beda jkun vjolenti maghha. Jien xhin staqsejta, "ghaliex beda jsawtek", qaltli," ghax ried aktar, ried li jkun hemm threesome", u li jkun hemm is-sess bejn tlieta u qalet "u jiena ma stajt nibqa' f'din is-sitwazzjoni". Infatti hija qalet li wara xi jiem innutat li kienet imbengla u anke l-mama taghha kienet inntuat b'dawn it-tbengil fuqha.*' L-Ispettur kienet talbet mandat ta' arrest fil-konfront ta' Roderick Vella u nghata d-dritt li jikkonsulta Avukat u kien ikkonsulta ma' Dr Edward Gatt, kienet ikkonfrontatu b'din l-allegazzjoni u baqa jghid li ma kienux vera. Kienet anke baghtet ghal Chanelle. Chanelle ikkonfermat li *Omissis* kienet qed tigi sfurzata tmur ghal prostituzzjoni minn Roderick Vella, li kienet tkun fil-karozza ma' Rodeerick vella fil-golf abjad tieghu gol-Gzira u qalet ukoll li rat tbengil, rat li kellha xi marki, rathom b'ghajnejha fuq *Omissis*. Kien jidher bic-car li dak li kienet qed taghmel *Omissis* ma riditx taghmlu u infatti kien hemm mumenti qaltilha '*isma minni u ieqaf*' u ghax Chanelle kienet f'din il-problema qaltilha '*tidholx fiha din il-problema*', '*ghax din il-problema hija problema kerha u jkun ahjar ghalik, ghax inti m'intix ta' dan it-tip*'. Xehdet li kienet ittiehdet stqaerija tal-appellant. In kontro-ezami qalet li l-kwerela kienet datata s-6 ta' Jannar, 2012. Taf li kienet qieghda f'relazzjoni ma' Gordon Schembri minghaliha f'Jannar. Hi ma kelmitx lil Gordon Schembri.

Illi x-xhud principali mressqa mill-prosekuzzjoni kienet il-parte civile ***Omissis.*** Hija xehdet fis-seduta tat- 13 ta' Gunju 2012 permezz tal-procedura tal-video conferencing. Ikkonfermat illi ghamlet rapport fuq Roderick Vella dwar prostituzzjoni. Spjegat li Roderick Vella huwa l-ex taghha, kienet ila seba' snin gharusa. Saret tafu fl-ghaxra (10) ta' April tas-sena elfejn u sebgha (2007) jew elfejn u tmienja (2008), seba' (7) snin ilu u waqfu f'nofs Lulju tas-sena elfejn u hdax (2011). Huma ma kienux jghixu flimkien, kien jghix ghand ommu u hi ma ommha. Spjegat li *'F' Marzu, bdejt nissuspetta hazin fih, jghidli li jkun qieghed id-dar u ma jkunx qieghed id-dar, ghandu sistema bil-laptop li nista' nibghatlu l-SMS, jghidli li qieghed il-garage, jghidli li qieghed fuq il-laptop u kont nibghatlu l-messaggi u ma kienux jidhlu u kont incempillu fuq il-mobile u b'xejn ma kienx jirrispondini. Darba minnhom iddecidejt li naghmillu l-ghassa u darba minnhom wara li wassalni d-dar qbadt il-karozza tieghi, ghax jien kont insuq u bdejt niffolowjah. Beda jghaddi minn Birkirkara u bdejt insuq warajh qisu xi hames karozzi warajh u dan Roderick beda tielgha lejn Borma u beda jintefghali fejn qisu hemm roundabout f'kantuneira u beda jibghat bil-mobile, qisu qed jistenna lil xi hadd u jiena wara certu zmien bdejt nerga' niffolowjah u sibtu l-Gzira ma wahda Chanelle Farrugia, u jiena din kien ili nissupetta li kien hemm xi haga hazina. Imbaghad beda jsawwatni dan Roderick, ghax qisu ma kienx kuntent mieghi u qisu sar aggressiv ghal xejn, ghax jiena kont nahdem full time u tfajla tal-affari tieghi. Darba minnhom qalli, "ha mmur id-dar", qalli, "issa ejja" u mort id-dar, qalli li kellu jmur ghand l-isprayer biex jara l-karozza, qalli, "Imbaghad nigi ghalik" u dan ma giex. Qbadt il-karozza u mort dawra l-Gzira u narah mimdud wahdu fil-karozza u mort, ipparkjajt il-karozza hdejt u ftahtlu l-bieba u naralu handbag, ghidtlu, "ta' min hu dan il-handbag", qalli, "itlaq il-barra u mur lejn id-dar", ghidtlu "le, jiena rrid nara jekk ghandekx xi tfajla ohra". F'hin minnhom nara lil din it-tfajla gejja taffaccjani, qaltli, "minn inti"? Ghidtilha, "jiena t-tfajla ta' Roderick", qaltli "ghax Roderick qalli li intom it-tnejn m'ghadkomx flimkien", qaltli "tista' tghdili min inti please"? lilha. Qaltli, "jiena naghmel xoghol ta' prostituzzjoni"" din Chanelle Farrugia u bdejna niggieldu u Chanelle qaltlu lil Roderick, "ejja immorru x'imkien nitkellmu". Morna l-Imsida fejn kien il-Price club, Chanelle rikbet mieghu u jiena mort warajhom bil-karozza u irkibt maghhom fil-karozza u Chanelle bdiet tkellimni, qallti, "m'ghamillekx sew u hekk" u Roderick kien qed isawwatni minn qabel meta ma konniex qeghdin sew. Dan Roderick beda jghajjat mieghi u inzilna l-Gzira u Roderick geghlni naghmel xoghol ta' prostituzzjoni sakemm tlaqtu sal-ahhar ta'*

*Lulju.*' Bdiet taghmel xoghol ta' prostituzzjoni '*Minn nofs Marzu, kwazi l-ewwel gimgha ta' Marzu, qisu f'nofs Marzu ghax ma niftakarx sewwa l-gurnata li kienet.*' Mistoqsija x'qalilha Roderick li trid taghmel wiegbet '*Le, dik kien hemm Chantelle hdejn Roderick u qaltli biex, Roderick qalli biex ninzel, u Chanelle qaltli trid taghmel hekk, hekk u hekk u itlobhomm bil-forty euros (€40), mar xtrali l-condoms u bdejt naghmel xoghol ta' prostituzzjoni, nitlajja fit-triq.*' Spjegat li '*meta toqghod titlajja fit-triq jieqfu n-nies mela le.*' Spjegat '*Kienu jiefqu, nghidilhom bil-kemm, nghidilhom forty, Roderick kien qalli li rrid inzommilhom ghaxar minuti bil-hin, kif nitlaq minn maghhom nghidlu li Ok, gieli kien jigi warajja kien joqghod ezempju erba' karozzi l-boghod sakemm inlesti biex jekk jigrili xi haga ikun hemm hu bhala protection. Kif inlesti kien iwassalni fejn kont inkun nitlajja u kif naslu kien jitlobni l-flus, kien jehodli l-flus kollha.*' Spjega li '*kont niltaqa' maghhom fit-triq, fejn Paul and Rocco, fejn il-bus stop ta' Paul and Rocco.*' u li '*Imbaghad konna immorru jew lejn il-pixxina jew l-aktar, l-aktar hemm hotel lejn Fogg Insurance, kienet ghadha qed tinbena, bil-parking kbir u kont immur hemmhekk u hu kien jistennieni fin-nizla.*' Mistoqsija kienitx tiehu erbghin ewro kull klijent spjegat li '*Mhux dejjem l-istess iva, imbaghad qisu meta gie Gunju, Roderick geghlni biex nikri flat, biex hu jkun jista' jiehu aktar flus, biex inkun aktar safe, ghax qalli minhabba s-CIDs, ghax is-CIDs kienu jwaqqfuni biex immur lejn id-dar u kont krejt flat mitejn u fifty fil-gimgha, u kont naghmel xoghol ta' prostituzzjoni fil-flat, faccata ta' Paul and Rocco.*' Mistoqsija x'kienet taghmel mal-klijenti wiegbet li '*kont taghmel atti sesswali maghhom bil-contraceptive dejjem, affarijiet normali igifieri, mhux, just atti sesswali biss.*' Mistoqsija kinitx taghmel l-atti sesswali komplut wiegbet li iva. Condoms kien ikollha u kien jixtrihomla Roderick. Klijenti kull jum kien ikollha bejn tletin, ghoxrin u hamsa u ghoxrin skond ix-xoghol. Spjegat li '*Il-flus kien jehodomli kollha Roderick, meta ma kontx intihomlu kien jigi u kien isawwatni. Fil-fatt jiena kelli tbengila minn sidri sal-polz, sewda kienet idejja. Illum il-gurnata la nista' niftah flixkun tal-Coca ghax tbati hux.*' Spjegat li xejn ma kienet tiehu minn dawn il-flus li '*jien kont nahdem go supermarket u kien igeghlni inhallaslu l-kont tal-mobile, il-laptop kont intih il-flus, kelli loan tal-karozza suppost li hi tieghi, il-loan qed inhallasha jiena, kien gabni fixxa hux, isawwatni u jghajjarni, kull klijent li, darba minnhom niftakar tghani xebgha, tilifni minn sensieha kont ghadni fit-triq nitlajja ghax ma ghamiltx forty euro u darba minnhom ohra mar jixrob ma shabu, hallieni hemm fix-xemx, gie, tghidx x'xebgha tghani, qasamli xoftejja, hawnhekk fuq ghajnejja u hanf tbengil, kif tghadili jerga' jibda jtini fuqha, ma nafx jiena.*' Tghid li ghandha certifikat, li kienet tmur l-Appogg tkellem psikjatra

minhabba l-problemi li kellha gahx kienet qed tigi imsawta. Mistoqsija min kien il-psikjatra wiegbet '*Le, ghax is-sena l-ohra mort u kellhom jibghatu ghalija within time imma ghadni ma rcevejt xejn.*'. Tghid li marret ghand it-tabib il-Furjana. Spjegat li '*kif bdiet il-kawza ghax kelli kaz iehor ma Roderick, ghadni ghaddejja bih ukoll, kien tghani xebgha u heddidni b'imqass, dan minhabba dan ix-xoghol ukoll, ghax ried mara ohra li ghandha sitta u tletin (36) sena mieghi u jien ma accettajtx u tghidx kemm beda jsir aggressiv mieghi u tghani xebgha u mort il-Furjana. Kif kienu telqu t-tbengil imma ghax kien qalli, "ara ma titkellimx m'ommok u hazin ghalik jekk tghamilli xi rapport", ghax hu dejjem kien jheddidni u jiena l-biza mieghi, ghalkemm xorta ghandi dan il-kaz ghaddej mieghu, u qed bi pledge, xorta gie fejn rani, qabad u tghani xebgha, hatafni u hafna kummiedji minn dawn. Jiena l-biza tieghi hu li xorta ha jibqa' jghamilli, jarani fit-triq jghamilli l-vendikazzjonijiet, forsi jsibni hawnhekk, ghax jiena nibza minnu hux.*' Dwar jekk kien hemm persuna ohra li ra l-griehi wiegbet '*Ehe, ommi kienet rathom ukoll idejja l-aktar li rat, ghax darba minnhom wassalni tard, hadni go triq u tghidx kemm beda jtini gol-istonku tieghi, hadni go trid il-Gharghur, hadni go triq imwarrba ghax ried din il-mara ohra mieghu f'relazzjoni mieghi, ghax jien ma naccettahomx dawn l-affarijiet u kienet prostitute wkoll. Waqt li jiena kont xoghol minghalija li jiena ghandi ragel li jirrispettani kien imurli ma din it-tali mara u min jaf kemmmarli ma nisa li huma tax-xoghol minn hemmhekk. Darba wahda wassalni d-dar, tghani hass hazin, kont rieqda b'T shirt twil, ommi qaltli, "din is-shana kollha x'ghandek", tghani hass hazin, kixfitli jdejja u rathom it-tbengil, kienet sewda, u jekk familtu jridu jghidu l-verita darba l-ommu, lill-omm Roderick urejtielu t-tbengila, ghidtilna, "ara xhinu jghamilli t-tifel tieghek", qaltli, "ma nafx xhinu jigrilu dan it-tifel ma nafx xi gralu".*' L-ahhar xebgha li taghha kien f'nofs Lulju, ikkonfermat li meta riedha tmur ma' mara u jkollha relazzjoni maghha ukoll. Tghid li '*dik f'Lulju, meta kont spiccajt. Jiena spiccajt mieghu, mhux ghidtlu daqshekk, ghax kien wisq aggressiv dan ir-ragel u l-ahhar xebgha li tghani, kaxkarni, teghandi fil-van u hafna minn dawn, kont qeghda Burmarrad, beda jiffolowjana bil-karozza, waqt li dak kien qieghed fuq pledge, ghax ghandi kaz iehor mieghu, u hatafni fil-van, imbaghad kissirla l-bieb tal-porch lill-ommi, dak kaz iehor, dik l-ahhar wahda. Ghandu jkun kien l-ahhar ta' Settembru, bidu t'Awissu, bejn wiehed u iehor ghax ma niftakarx ezatt.*' Il-post li kienet tikri kien faccata ta' Paul and Rocco, flat hemm bieb iswed izda ma tafx l-indirizz. Tghid li thallas mitejn u fifty euro (€250) fil-gimgha u kellha l-hin ta' filghaxija hi, mill-hamsa ta' wara nofsinhar (5.00pm) sa nofs il-lejl (12:00pm). Tghid li '*kien hemm xi tlett nisa ohra, imma bil-hin qed tifhem, min jidhol*

*filghodu, imbaghad min jaqleb mil-lejl sa filghodu*' bix-shift. Il-karozza ta' Roderick hija Volkswagen bajda, ghamla Golf bin-number plate LCP674. Il-karozza bil-loan u qed thallasha hi, suppost kellu jhallasha tal-karozza kollha imma ma hallasha xejn, forsi taghha tlett pagamenti meta xtratilu, il-bqija xejn aktar. Mistoqsija kif bdiet taghmel xoghol ta' prosittuzzjoni wiegbet li '*dak kien qieghed ma Chanelle fil-karozza, bhalma ghidtilkom, u morna l-Imsida niltaqghu, Chanelle bdiet tgerger ghax ma ghamlet xejn ghax kont telliftilhom ix-xoghol ta' bejniethom, ghax skond Chanelle kienet qaltli li hu kien itiha l-flus, igifieri jekk dan talabni fifty euros (€50) mill-paga tieghi, jew mill-paga tieghu, dejjem hu bla flus, dan kien ithom lilha, ghax kienet qatli "dak m'ghandek x'tambih ghax dak tifel qed jghamillek, hekk, hekk u hekk". Meta konna dhalna fil-karozza morna induru mill-Imsida spiccajna l-Gzira u minn dakinhar, dakinhar meta qbadtu ma Chanelle Farrugia.*'

Meta mistoqsija kif waslet biex tinzel mill-karozza u tibda titlajja wiegbet '*Roderick qalli, "inzel biex naraw x'taf taghmel", jien bdejt nghidlu, "le, le, le", Chanelle bdiet tghidlu, "din mhux tal-qatgha t'hekk", Chanelle kellha tlett (3) condoms fuqha qabdet u tghathomli, Roderick beda jghidli, "inzel ha naraw" u dakinhar kont ghamilt ma xi erba mitt euro (€400), kompla mar xtrali l-condoms mill-bar ta' faccata, minghand il-'Baginu' jghidulu u bqajt naghmel ix-xoghol ta' prostituzzjoni.*' Mistoqsija '*Inti ghidt li ghidtlu, "le", ma ridtx, ghaliex inzilt imbaghad, wasalt biex inzilt u mort u mort ma diversi irgiel dik il-lejla?*' wiegbet '*Ghax Roderick beda jghajjat mieghi u beda jsawwatni, beda jkun aggresisv mieghi.*' Tikkonferma li marret ghax bezghat minnu u li '*ghadni nibza minnu sal-lum ghax bniedem aggressiv hafna.*'

Mistoqsija kif kienet tghaddilu l-flus li kienet tigbor wiegbet '*Il-flus kont intihomlu, imbaghad kien igeghlni filghaxija, ghandu kont mal-BOV u kont naghmilhomlu gol-envelope u kont nitfaghhom deposit gol-ATM, gol-card tieghu.*' Fil-kont tal-bank tieghu personali mal-BOV, dan kien savings account mal-branch tal-Mosta. Kienet taghmillu depozitu kwazi kuljum, u meta kienet taghmel xi haga zghira, ma kienx ikun hemm xoghol, kien izommhom fil-kartiera. Mistoqsija ghala baqghet ghaddeja b'dan ix-xoghol u cioe' li bdiet f'Marzu spiccat f'Lulju wiegbet '*Ghax Roderick kien isawwatni hafna. Meta kont nispicca mix-xoghol tas-supermarket kien jghidli, "inhasel ha mmorru", kont nghidlu, "le ghax ma rridx" u kien iwaddabli l-affarijiet, lill-ommi kissirlha l-medja, il-freezer, sahansira waddabli oggett bil-ponta, kien laqatni hawnhekk f'ghajnejja, kien ghamilli black*

*eye, gieli kont inkun ma niflahx kien ikolli mmur bil-fors, rih, sola, gieli anke skuzi biex nghidlek, bil-period kien jibghatni.*'

Mistoqsija dwar incidenti bejniethom wiegbet '*Ehe, kien jigi warajja, l-ahhar darba meta kellu dan il-kaz, beda jigri warajja, qabadni minn spaltli biex ikellimni, hemm hafna possessivita. Biex immur inkellmu jaqbadni, jien ma inkunx irrid, bil-karozza jkaxkarni, dawk l-affarijiet.*' Tghid li '*Darba minnhom meta kien hadni fl-imwarrab kien ghamilli imqass m'ghonqi, qalli, "jekk m'intix ha taccetta dawn l-affarijiet", qalli, "ha nnifidulek".* Dan kien '*Qabel tlaqtu, qalli, "ha nniffidulek". Meta jiena mort naghmel rapport l-ghassa u ghidilhom b'kollox, ghidtilhom imqass kien, ma sabulu xejn fil-karozza unaf kif kien. Kien ahmar minn dawn tat-tfal tal-karti tal-iskola, kellu wiehed isfar, wiehed ahmar u kellu wiehed bil-ponta silver.*' Dwar dan l-incident tal-imqass spjega li '*Dak kont qeghda l-Gzira, kont qed naghmel ix-xoghol, bdejt nissusspetta hazin li qed jara mara ohra li taghmel dan ix-xoghol u qbadt insomma, qbadtu mil-mobile, mill-messaggi, beda jkun il-hin kollu hdejha, meta jiena kont noqghod nitlajja, hadni fil-karozza, qalli, "isma", qalli, "jiena w inti ahjar nieqfu", qalli, "jew inkella taccetta lil din il-bniedema mieghek". Ghidtlu "ma tarax li ha naccetta bniedma, taghmel kwazi l-istess xoghol bhali", ghidtlu, "u ilha s-snin",ghidtlu, "jiena inti geghltni naghmel dan ix-xoghol", qallli, "jew taghmel dak li nghid jien jew hazin ghalik", ghidtlu, "ha nahsibha", qalli, "m'hemmx x'tahsiba" u ahna ghaddejin bil-karozza, telgha mill-Gharghur u nizel l-isfel, ftahtlu l-bieba, ippruvajt nahrablu, gie warajja, waqqani mal-art, beda jkaxkarni u jtini f'zaqqi bis-sieq, qalli, "itla' erga' fil-karozza", ghidtlu, "ma rridx nirkeb nerga' fil-karozza", jkaxkarni, hadli l-mobile w ic-cwievet biex ma ncemilx lill-ommi biex tigi ghalija, dawn kienu t-tlieta ta' filghodu (3.00am). Baqa' tielgha minn fejn hadni ha nigu post fid-dlam imma ma nafx fejn ezatt, hemm xebgha ghelieqi, qalli, " jekk ma ccempillex u tghidilha biex tohrog mieghi u llejla nohrog maghha", qalli, "qed tarah dan l-imqass", qalli "inniffidulek" u kelli incempillha u kelli mmur maghhom il-Fuego, fit-tlieta ta' filghodu (03:00am).*' L-imqass ghamlu ma ghonqha. Hu kien jorqod fil-weekend biss ghandha, mill-Gimgha ghas-Sibt u l-Hadd jitlaq. Mistoqsija jekk kien ikollhom problemi ghand ommha qalet li meta kienet tkun hemm le imma meta kienet titlaq iva kien ikollhom problema. Ma baqghetx tahdem fis-supermarket ghax keccewha peress li Roderick kien isawwatha bdiet tisthi tmur ghax-xoghol dejjem b'xi qasma u tghidilhom li *sick* u meta kien taghha l-hass hazin, cemplitilhom u qaltilhom li mhux tajba ghax-xoghol u qalulha biex tmur ha jkellmuha u haditha ommha u qalilha li

mhux tajba ghal maghhom ghax-xoghol ghax dejjem tfalli ghax sick. Tghid li Roderick kellu c-cwievet tad-dar. Spjegat li '*wara certu zmien bdejt nissuspetta, kien rieqed ghandi, kellu c-cwievet tal-karozza, ghidt, "ha mmur inqalliblu naqra fil-karozza', peress li ma bdejtx nafdah, ftahtlu l-arm rest ta' wara u sibtlu curkett t'ommi li dan kien ha jisirqu, kien ser ibieghu zgur, minn gos-safe tad-dar u dan is-safe in-numri jaf fejn inqeduhom u dan gieli rani nifthu imma x'igifieri jidhol fl-affarijiet privati, jiftah is-safe u jisraq id-deheb. Meta ghidtlu, qbadt dan ic-curkett u tfajtu f'postu u hbejt ic-cwievet u meta ghidtlu tghidx x'xebgha qlajt u dan ghandu xi deheb personali tieghi u ta' missieri li huma sentimentali u ma jridx itihomli u dawn kont insellifomlu ghal weekend u bil-patt, ghidtlu, "jekk ahna ma nibqghux flimkien, dawn trid ittihomli", pero sal-lum il-gurnata xejn. Insterqu ehe hafna affarijiet mid-dar, ha hafna affarijiet mid-dar, ha hafna affarijiet mid-dar u li ma nafx bihom, hemm hafna affarijiet neqsin.*' Il-persuna li ried relazzjoni maghha kienet Mary Aquilina, kien johrog maghha. Xehdet '*Jiena jekk trid titkellem ta' mara Mary kienet rat it-tbengil tieghi u kienet qaltli, "biex ma jsawtekx ha nispicca nohrog mieghu", qallti, "jiena ma rridux', qaltli "imma biex qed nara dan it-tbengil", qaltli, "ha jkolli nohrog mieghu" u kont mort urejthomlha, qallti, "madoff xhinu jghamillek". Ghiditlha, dan kollu minhabba fikom it-tnejn, ghax ried relazzjoni maghha u jien ma accettajtx.*' Spjegat li Roderick ried '*relazzjoni mieghi u maghha*'. Bdiet tissuspetta li l-hin kollu maghha, jaghtiha lifts bil-karozza, iwassal lilha d-dar u jmur ghaliha jaghmlu sal-hamsa ta' filghodu. Tghid li '*Meta kont insaqsih fejn imur kien jghidli li mar f'post u jghamlu l-atti sesswali fil-karozza u jiena kont noqghod incempillu nibki u nghidlu "ghaliex qed tghamilli hekk, qed tehodli l-flus kwazi tiehu kollox, gejt sinjur, imbaghad tghamilli dawn l-affarijiet"*. Meta kienu jiggieldu kien jghajjarha mahmuga. Tghid '*ghax kont nghidlu per ezempju, ghax f'relazzjoni jkollok, ma partner ikollok atti sesswali tal-imhabba, kien jghidli "mieghek ma nigix ghax mahmuga", imbaghad kien imurli ma din il-mara.*' Gieli kien jghajjarha '*ja qahba*'. Meta kienet tkun il-Gzira kienet toqghod jew fejn l-AI, fejn jipparkjaw il-karozzi, faccata tal-gnien jew inkella fejn Paul and Rocco fejn l-istage, ezatti mal-pumping station. Dejjem hemm ghamlet ix-xoghol, f'dik it-triq u l'hemm wara, wara l-A1. Imbaghad wara marret f'dan il-flat, kellu habib Roderick, u li l-kugina tieghu ghandha flat hemmhekk u saqsih jekk ridx in-numru tal-kugina u cemplulha u taghha n-numru, irrangaw kollox u qaltilha biex tmur tahdem hemmhekk.

Mistoqsija dwar jekk kien jaf minn fejn kienu gejjin il-flus, qalet '*Dazgur, ta' dakinhar tal-prostituzzjoni. Jekk ninzel il-lejla u ha naghmel il-flus mill-prostituzzjoni dawk kien jehodomli kollha, lanqas kien itini five euros (€5) minnhom, kollha ghalih.*' Mistoqsija meta kienet tiddepozitahomlu jekk kienet turihomlu wiegbet '*Dazgur, kienu jkunu ghandu, johroghom minn god-dashboard jew minn gol-kartiera, kont nghidlu "ha", ghax bil-fors kien ikolli intihomlu, kien jitfaghhom fid-dashboard jew x'imkien fil-karozza, imbaghad filghaxija konna nghodduhom, jieqaf fejn l-ATM u kont nitfaghhomlu fl-ATM.*' Kien ikun prezenti '*Jistennieni imbaghad fil-karozza, kont nimla', l-envelope, kien ikollna l-envelopes lesti fil-glove compartment u kemm immur niddepositahom.*' Ma setghax jahseb li l-flus kienu tax-xoghol tas-supermarket '*Ghax kont intihomlu kull wiehed li naghmel, kull klijent li naghmel kien jigi hdejja w intihomlu.*'

Tghid li l-paga tas-supermarket darba fix-xahar kienet, jigifieri ma setghetx tnewwilu flus hekk. In kontro-ezami qalet li l-habib li rrangalhom ghal flat kellu laqam '*Tal-Mundu*'. Spjegat li dan kien iltaqa mieghu Roderick il-Gzira stess, kienu jkunu xi klikka joqghodu jparlaw fejn il-Baginu u kien joqghod jghaddi bil-karozza u ghamel hbieb mieghu. Hija ltaqghet mal-kugina tal-Mundu li taghthom il-flat. Din jisimha Claire u mhijiex prostituta. Qieghed faccata tal-istage, bieb kulur iswed. L-istage ta' Paul and Rocco, faccata tieghu. Tispjega li kif tidhol hemm sufan, imbaghad zewgt ikmamar tas-sodda u wahda double bed, imbaghad aktar il-gewwa bil-kamra tal-banju u l-kcina. Dwar min kien jghaddilha mitejn u hamsin fil-gimgha lil Claire wiegbet '*Jekk per ezempju dhalt il-Hamis, kull gimgha, jekk per ezempju l-Hamis tghajtha mitejn u hamsin, il-Hamis ta' wara intghiha.*' Tghid li '*mill-flus tieghi, mill-flus tal-prostituzzjoni.*' Mistoqsija li ma kintix taghtih il-flus kollha, jekk kienet izomm il-mitejn u hamsin wiegbet '*kont intih il-flus kollha jitfaghhom fil-kont u meta tkun waslitli ghall-kera, l-ewwel flus hadhom minn gol-kont imma tieghi stess u tghahomli, qalli, "il-lejla dawk il-flus illi tghajtek it-two fifty izzidhom maghhom. Igifieri jien ridt nistinka nerga ntihomlu lura. Imbaghad kont tax-xoghol stess kont intih kollox lilu, imbaghad kif jasa il-kera kien itini l-flus mill-kont tieghu hux.*' Tghid li '*il-flus dejjem ghandu, imbaghad kien jirranga hu, kont nghidlu li waslet il-kera u kien itihomli mill-kont.*' Meta kien ikun hemm ftit ma kinitx taghmel deposit, kien izommhom fil-kartiera, kollox kien jiehu. Damet tiddepozita minn nofs Marzu sa nofs Lulju, forsi hemm xahar nieqes, xi tlett xhur

minnhom deposits. Ma tafhomx lil prostituti l-ohra li jahdmu f'dik l-area, lil hadd ma kienet tkellem hlief lil Chantelle u ftit lil Mary, il-bqija kienet taf tnejn wahda Oriana izda ghamlulha l-hsara ma Roderick ghax kienu jghidulu x'tambija ghax tmurlek bla condom imbghad kien isawwatha. Fil-flat kienet tahdem mill-hamsa ta' wara nofsinhar sa nofs il-lejl u fit-triq kienet tahdem mit-tmienja/id-disgha' ta' filghaxija forsi sas-siegha/is-saghtejn ta' filghodu. Gieli waqfuha CIDs jiehdulha isimha u l-ID card xi darbtejn izda qatt ma mexxew. Gordon Schembri huwa persuna li tohrog mieghu, il-boyfriend taghha bhalissa, ilha xi disa' xhur. Taf li kien il-habs izda ma riditx twiegeb dwar xiex. Mistoqsi jekk kien Schembri li dahhalha fit-triq tal-prostituzzjoni mhux Roderick wiegbet li lil Gordon ma kinitx tafu, iltaqghet mieghu fis-sbatax (17) ta' Lulju u hi u Roderick ma baqghux flimkien fil-hmistax (15). Ma Gordon qatt ma ghamlet xoghol ta' prostituzzjoni.

***Omissis*** regghet xehdet fil- 5 ta' Novembru, 2012 fejn esebit certifikat tat-tbengil li kien ghadhom jidhru. Kienet marret ghand it-tabib, ezaminaha u ghamlilha certifikat mill-clinic tal-Furjana. Dan gie mmarkat bhala dokument M1. Marret wara xi gimghatejn, tlett gimghat f'Lulju. Mistoqsija x'wassalha biex taghmel dan ic-certifikat spjegat li '*Dan kelli hafna tbengil, kelli black eye u fuq xoftejja u bdejt nibza naghmel rapport lill-pulizija, bdew bhal speci jtaffu l-affarijiet, ghidt ahjar immur naghmel certifikat ghand it-tabib minhabba dawn il-affarijiet, ghax imbaghad iddecidejt li mmur ghand avukata u mmexxi bil-process u jkolli certifikat x'nuri.*' Lit-tabib qaltlu li l-ex boyfriend Roderick Vella kien sawwatha u li fadlilha dawn il-faretti biex jaghmlilha certifikat. In kontro-ezami qalet li ccertifika ta' dak li ra t-tabib quddiemu.

***Omissis*** regghet xehdet fis-7 ta' Mejju ,2013 u mistoqsija dwar Claire fuq kirja ta' xi appartament il-Gzira qalet li il-laqam huwa tal-Mundu, ghandha fuq ghoxrin, li ma tghix f'dan l-appartament, tikrih. Dwar Claire tispjega li ghandha statura twila, fiha mara, xaghra twil iswed. Kien laqghhom Roderick u tkellmu flimkien.

Xhud iehor importanti kienet C**hanelle Farrugia** li xehdet fit- 18 ta' Gunju, 2012. Mistoqsija tafx lil persuna akkuzata qalet li iva Roderick vella u kienet tafu xi tlett snin ilu, klijent taghha fil-prostitutzzjoni. Iltaqghet mieghu l-flat, il-Gzira. Kien imur

kuljum kwazi, dan xi tlett snin ilu. Tghid li xi tlett snin ilu kienu fil-karozza Golf bajda proprja ta' *Omissis* izda jghid li tieghu '*giet l-gharusa tieghu Omissis u qaltli dak speci l-gharus tieghi u tellgahha fil-karozza hu u hu qallha biex taghmel il-prostituzzjoni, daret fuqi u hu qaltli, "x'irrid naghmel jien", ghidtilha, "tiehux ghalik ghax mhux ha nghidlek ghax ma rridekx tghadid minn xiex ghaddejt jien", alavolja kont fejn Roderick jien*.' Xorta qaltilha, kien hemm hi Roderick u *Omissis*. Tghid li ratu jsawwatha, li '*hi bezghet u nizlet.*' Tghid li fuq idha kien sawwat lil *Omissis*, li l-ghada kien kollu blue. Kien taghha bil-ponn il-karozza, aktar minn darba sawwatha, izda dakinhar gol-karozza. Nizlet '*Toqhob*'. Tghid li hi dejjem kienet tkun fil-karozza hdejh, kull gurnata wara l-ohra kuljum l-istess, tghid li darba qaltilha ha turiha l-messaggi u biex tisma minnha, li hi ghaddiet bhal ma qed tghaddi u biex tahrab minnu tghid '*ghidtilha, "jien mhux inkun mieghu biex niehu xi haga minnu, fis-sens ghax inhobbu jew hekk", ghidtilha, "ha nurik il-messaggi, ha nurik il-verita' u hi xorta, baqghet bit-tama li hu jhobbha u baqghet xorta ma taghtix kasi u kemm il-darba ftahtilha ghajnejha lilha, imbaghad qbadt u qtajtilhom lilhom, ghax kienet wisq tahraqni bil-Malti ghax kont nifthilha ghajnejha u hi kienet tahseb ghax irridu. Issa fil-verita hu kien jigi bhala klijent, kieku rridu ma kontx inzommlu flus.*' Mistoqsija kemm il-darba ratu jsawwatha, tghid li darba telghu Pacevile u taghha xebgha paceville, darba kienu d-dar taghha ghax taghmel id-dwiefer qaltlu xi haga u li kull haga li ma jaqbilx ghal widnejh kien '*ibambalhomlha*'. Kien jaghtiha bic-crieket b'idejh, idejha dejjem imbengla, sewda, ratha hi. Tghid li qaltilha '*ma tisthix thares lejn il-mera u tara dak it-tbengil u tghid jien ha nibqa fil-hajja li qeghda*', qaltilha '*ma nistax nehles minnu b'xejn*', u qaltilha '*int ma smajtx minni ghax kieku lqajtlu minn qabel ma kontx iddum daqshekk*'.

Mistoqsija jekk kinitx taghmel ix-xoghol ta' prostituzzjoni ghax riedet hi wiegbet le ghax kien igelglha huwa, quddiemha stess. Dan kienu filghaxija ghax ma kellhiex flat. Filghodu kienet tahdem xoghol iehor bhala supermarket. Kienet tiddepozitalu l-flus gol-bank, darba marret maghha. Tghid li ma tafx kif izda kienet qaltilha '*ha mmur niddepozitalu l-flus*'. Tefghatomlu l-bank, il-flus gew mill-posituzzjoni. Kienet tkun hemm mit-tmienja sa xil-hdax u damet xi tlett xhur. Tghid li '*Meta kienet tohqob hi sena ilu*' jigifieri s-sena l-ohra elfejn u hdax (2011). Ma kienx hemm xi hadd iehor maghhom li jaf dawn l-affarijiet. Baqghet tarahom izda ma baqghetx tkellimhom

ghax hu meliha kontriha li ghax riedet lilu. Tghid li meta kienet izghar ghaddiet minn esperjenza bhala. *Omissis* ma marritx ghand tabib, tghid li darba qaltilha li rathom ommha u tghidx x'kienet ghamlet. Dwar *Omissis* tghid li kienet timxi fejn l-istage hdejn il-pompa tghid li ta' Stada stretta u meta ssugeriet li testaferrata street tghid li hadet zball. Tghid li bhalissa qieghda l-habs u li jitfghu hafna botti gol-lockup biex ma tixhidx.

**Chanelle Farrugia** kienet xehdet in kontro-ezami fl- 24 ta' Novembru, 2014 tghid li sal-gimgha l-ohra rat lil *Omissis* ghand tal-probation mal-gharus taghha Gordon. Tghid li '*Meta kienet hi taghmel dak ix-xoghol kont inkun fil-karozza mieghu u jien il-verita' l-flus kien ittihom lili mhux ha nqghod nigdeb.*' Tikkonferma li l-flus li kienet taghmel *Omissis* l-Gzira kien jaghtihom lilha, kienet toqghod mieghu fil-karozza. Ghal bidu kien imur maghha b'xoghol u umbghad ried li jaqta lilha mix-xoghol '*mbaghad kien nizel lil Omissis taghmel il-flus u kien ittiehom lili dik biss niftakar*.' Tghidli ma kinitx l-gharusa tieghu. Ikkonfermat li Roderick prova jaqta lilha minn dan il-vizju ta' prostituzzjoni u nizzel lil Michele. Tikkonferma li l-flus li kienet iggib *Omissis* kien jghaddihom lilha. Ma tiftakarx kemm. L-ewwel darba li ltaqghet maghhom kienu fejn pompa tal-petrol qisu lejn Birkirkara trid tghaddi mill-Gzira, kienet mieghu hi mbaghad giet hi tigri. Lejn l-Msida kienu, Birkirkara fejn il-wied nesiet ezatt. Tghid li '*giet hi bil-karozza ghax qabditu hdejja.*' Tghid '*Haditu hdejha qed tifhem ghax hi kienet tiffolowjah, giet tibki u tghajjat, qalha trid tigi qalha mela ejja. Qalha imma trid tinzel hemm.*' Tghid li qaltltu iva ghax kienet thobbu u li accettat mill-ewwel. Tghid li fil-karozza tahilha go wiccha izda nesiet x'qalet, l-argument u l-kliem nesietu. Mistoqsija li ogobha x-xoghol wiegbet li '*mhux ghogobha le. Kif marret l-ewwel darba, l'ghada u l-pitghada hi kienet tghidlu ejja gej ghalija ha mmorru ghax li hu trid tghid.*' Tikkonferma li *Omissis* kienet tghidlu biex tinzel hi. L-ewwel darba l-Gzira marru, tghid li '*Ahna waqafna x'hin rajna lilha, xi haga hekk kienet. Umbaghad hi giet tghajjat mieghu ghax kien mieghi.*' Telghet gol-karozza u qaghdet wara, minn hemm marru l-Gzira. Roderick kien klijent taghha, tghid li wehlet sentejn habs. Tghid li '*Roderick dakinhar qabad lil Omissis tefaghha fil-karozza, hadmet, dawk it-tlett (3) sighat, minflok qadt ghax-xoghol jiena qadt fil-karozza ta' Roderick nistennew lil Omissis. Fl-ahhar kif wasalni d-dar qabad il-flus u tahomli.*' Kienet tghidilha biex ma tmurx '*minghajr affarijiet*'. Ix-xhud kellha flat izda

tghid li '*hi mhux gol-flat eh hadmet.*' Imbghad iggieldet maghhom. L-ghada *Omissis* giet fejn id-dar taghha ghax kienet tahdem f'supermarket, tghid li kellha uniformi blu  u gieli marret is-supermarket ghalkemm nesiet fejn tghid li qaltilha '*jiena hemm isfel ma kontx inkun ghal qalbi. Jien jekk jigi bniedem ma naghmel xejn mieghu, joffrili ejja oqghod fil-karozza jiena l-verita' accetajt u. Heq ahjar milli noqghod nigri.*' Mistoqsija '*Ma kontx tithallas jigifieri talli kien joqghod mieghek fil-karozza.*' wiegbet ''*mela kien ittini kollox.*' Ghamlet xahar, tlett gimghat hekk. Hi baqghet tahdem u ma kinitx tkellimha. Tghid li '*mbaghad ghamlet xi xahrejn ohra tinzel u ma kinietx tkellimni.*' Nesiet li kienet xehdet li kienet tinzel ma *Omissis* biex tiddepozita l-flus fl-atm, umbghad tghid li issa qed tiftakarha. Ricentement telghet tixhed kontra persuni ohra ghax kienu qaxrulha xaghra. Cahdet li tresqet fuq rapport falz.  Tikkonferma li taf min hi Joanne Fenech, li kienet tghix maghha, u cahdet li xehdet kontriha.  Tghid li '*hu l-partner taghha Sandro hu.*' Tghid li '*Hu l-boyfriend tieghi.*' Kienet tohrog ma Sandro Degabriele. Ma tiftakarx li hadet ix-xhieda taghha ta' Joanne Fenech bil-gurament. Mistoqsija dwar li Sandro Degabriele kien l-gharus taghha, wiegbet li Victor Degabriele mhux Sandro, Sandro ta' Joanne. Kienet marret id-dar ta' *Omissis*, il-Villa, ghamlitilha d-dwiefer. Roderick kien jiehodha il-villa ghand ommha izda bil-mohbi ta' ommha. Darba ghamlithom ghandha d-dwiefer.  Wara x-xoghol taghha baqghu sejrin ghandha jaghmlu d-dwiefer, wara x-xoghol. *Omissis* kienet tahdem gol-karozza fejn l-istage il-Gzira. Lil *Omissis* ghadha tkellimha sal-lum.  Dejjem fethitilha ghajnejha biex ma tibqax mieghu.  Tghid li *Omissis* hasbet li qieghda mieghu li l-gharusa tieghu, li qed teqlibilha minn wajrajha izda fil-verita' kienet qieghda hemm ghax-xoghol.  Kienet toqghod fil-karozza izda ma kinitx tinzel maghha.  Mhux dejjem l-istess flus kien jghaddilha, daqqa' fifty, daqqa thirty mhux dejjem l-istess. Ma tiftakarx kemm.

Xehdet ukoll omm *Omissis* u cioe' ***Omissis*** fis-seduta tal-5 ta' Novembru, 2012 fejn spjegat li *Omissis* ghandha sitta u ghoxrin  (26) sena.  Lill-imputat gharfitu bhala Roderick li ghal bidu kien tifel sewwa mat-tifla, kien jimxi sewwa, kienu boyfriend u girlfriend, '*l-affarijiet  kienu jghaddu sewwa, kien jigi ghandi hafna, kont nilqghu hafna imbaghad wara xi sena kien miet il-papa ta' Omissis, ir-ragel tieghi, u l-affarijiet kienu ghaddejjin mhux hazin. Ghamel habta jghix mieghi ghax kien tkecca mid-dar u zammejtu ghandi...*' Spjegat '*Jiena bdejt ninnota lil Omissis tonqos, dejjem tonqos, unhappy, u*

*filghaxija kont nistenniha tigi, kienu johorgu, ovvja, kont nghidilha "inti all right", kienet ghidtli, "iva ma', tiftah naqra l-bedroom door tieghi, kont nghidilha, "kont qed tibki", kienet tghidli "le". Darba minnhom kont fil-kcina maghha, bil-kemm kienet tkellimni, ghidtilha, "ghamiltlek xi haga"? qallti, "no", ghidtilha, "dik xhini ta' taht ghajnejk"? Qaltli, "Tbengila", ghidtilha, "biex ghamiltha"? Qaltli, "ftaht il-bieba tal-karozza u lqatt ghajnejja", ghidtilha, "Alla hares inkun naf li Roderick qed jerfa' idejh fuqek". Ghadda z-zmien, l-affarijiet bdejt nara li qed imorru lura bejniethom, kont incemplilha bil-lejl biex nara fejn qeghda, kienet tghidi, "gejja, gejja, gejja", Kemm il-darba kont nistenniha fuq il-bejt naraha gewwa, tohrog mill-karozza ssabbat il-bieba. Kont nghid, "dawn x'relazzjoni ghandhom bejntiehom", bhal speci hekk nara dik is-suppervja.'* Xehdet li '*Darba minnhom cempiltilha, ghiditlha fejn qeghda, qaltli, "gejja mummy', kienu xis-saghtejn ta' filghodu (2:00am), giet xi l-erba' u nofs, ghidtilha, "fejn kont", qallti, "ghax Roderick waqfitlu l-karozza", ghidtilha, "mela inti xi mechanic: u telghet fuq, fil-bedroom, mort biex nitla' warajha u f'salt minnhom kif ngholli ghajnejja naraha niezla lura u hassha hass hazin, xarrabtilha wiccu u nsibilha two black eyes. Pero in the meantime kont qed ninnota li in July, last July, it-tifla kienet qed tilbes flokk s'hawnhekk, go dik is-shana.'* F'Lulju 2011 '*Kienet qed tilbes flokk bil-kmiem twal u jien kont qed nghid, "imma dik mhux soltu taghha, ghax tilbes cingi". Meta taghha hass hazin bdejt inxarbilha wiccha, insibilha zewg black eyes, idejha kellha idejha vjola hawnhekk, nehhejtilha t-top u nsibilha mill-minkeb, on her right hand side, mill-minkeb sa sidirha iswed, iswed fahma. Meta giet f'sensiha dahlet fis-sodda, mort inkellem lill-ommu u lill-missieru, missieru ma kienx hemm, habbattilha, qallti, "ma nafx xhinu jigri bejniethom", ghidtilha, "Ok", ghidtilha "pero mhux ser isawwatli t-tifla hekk, no way". Imbaghad kien is-sibt, wassaltha x-xoghol, tax-xoghol kecciha, qalti, "ma tafx xhinu jghamilli", ghiditlha, "imma jekk inti ma tghidlix ma nistax nghidlek", qaltli, "mummy, imma jien ma nistax niftah halqi", qallti, "ghax qalli hazin ikun ghalik jekk tkun taf ommhok".'* Tghid li d-dar ghandha bibien bid-daqqiet ta' ponn, friza bid-daqiet go fiha, meta staqsietha x'gara qaltilha li kienu qed jigru wara xulxin u waqghet il-mejda, tghid li fil-fatt issa saret taf li kien iwadbilha s-siggijiet.

Tghid li '*Ma riditx turini b'kollox, ma riditx turini b'kollox ghall-ewwel. Imma imbaghad qaltli li hu jridha taghmel hbieb ma wahda li kellha zewgt itfal jew tlett itfal, imma hi ma riditx. ltaqghu l-Fuego... meta staqsejtha kif it-tbengila giet, qaltli, "hadni l-Mellieha bil-lejl u tghani xebgha hemmhekk". Xi jumejn wara, kien il-birthday taghha, gurnata qabel il-birthday*

*16th July, cempilli Roderick, kont ghadni hierga mill-hairdresser, beda jghajjarni u jidghili, riedni mmur niltaqa' mieghu, ghidtlu, "ejja hu hwejgek mid-dar tieghi, ma rridekx fid-dar tieghi aktar" u jghajjarni u jidghi. Mort id-dar tieghu, qalli, "ejja il-garaxx t'ommi". Kif wasalt hemm lahaq wasal missieru w huh, jiena bdejt nghajjru vera, ha jghajjarni u hafna minn dan u f'salt minnhom kellu zokk ta' sorry xkupa, qasamha u dahhalha bejn missieru u huh u laqatni gol-istonku tieghi.*' Ghamlet rapport u marru l-Qorti. Tghid li kisrilha l-hgieg tal-porch u hedded lit-tifla. It-tifla qaltilha li kien jirhodha l-Gzira iqahhabha, dan kien fl-ahhar ta' Lulju. Hadha xi xahrejn jew tlett xhur. Kienet tigi b'karozza golf bajda fuq ismu u lilu rat isuqha. It-tifla qalet li kien johdilha l-flus kollha, ma staqsietx kemm kienet tiehu '*ghax ma rridx naf, ghax Omissis hija tifla kwieta. It-tifla ma tantx ghandha self confidence, allura jiena meta qallti li qed taghmel dawk l-affarijeit hadtha bi kbira hafna ghax jiena zgura ma rabbejthiex hekk lit-tifla, zgur*.' Qaltilha biex taghmel rapport. Tghid li kienet tahdem go supermarket u nehiha ghax is-sibt kienet tispicca tard, u qabadha tahdem gol-mini market fejn joqghod hu, biex tkun tista' tispicca kmieni halli jkun jista' jiehodha l-Gzira. Mistoqsija ratx xi tibdil, tghid li t-tifla kienet tigi d-darba xit-tlieta, l-erbgha ta' filghodu. Tghid li anke l-ilbies taghha.

**Gordon Schembri** xehed fis-seduta tat- 18 ta' Gunju,2012 fejn qal li qieghed f'relazzjoni ma' *Omissis* u dan ghal xi sena u nofs, sentejn. Kienet qaltlu li kellha xi tghid ma taghha ma' Roderick Vella li gharaf bhala l-imputat. Qaltlu li kellha xi karozza u kellha xi problemi mieghu fuqha li kien inizzilgha ghal xoghol ta' prostituzzjoni, qaltlu li kien isawwata u li kellha xi feriti. Ra t-tbengil f'idejha. Ma qaltlux fejn kien inizzilha ghal prostituzzjoni. Kien hadha l-clinic tal-furjana u ordnala xi cream, kien xtrajtulha u ghamlilha naqra m'idha. Kienet tkelmet ma ommha biex tgahmel rapport lil pulizija, ma jafx marritx taghmlu. Jghid li Roderick Vella giriflu l-van, tah xebgha, kissirlu l-bieb tad-dar, kisser il-bieb ta' ommha. In kontro-ezami spjega li meta ra t-tbengil kien ghadu mhux maghha, kienu hbieb, kien ilu jafha xi jumejn tlieta, jghid li kien laqatha fil-karozza u qaltlu '*ah*' u qaltlu li ghandha t-tbengil u qaltlu li kien isawwatha. Il-hbiberija bdiet ghax raha l-Mosta go dar bil-garaxx, habib tieghu ghandu garaxx aktar l-isfel, beda jkellimha u ghamlu hbieb, mar xi darbtejn ghaliha u bdew johorgu flimkien. In ri-ezami jghid li ma qaltlux kemm kien ilu jiehodha ghal prostituzzjoni.

**Claire Magri** xehdet fis-seduta tat-30 ta' Mejju, 2013. Mistoqsija jekk tafx lil imputat qalet li ltaqghet mieghu darba, kellu tfajla mieghu nesiet x'isimha, ma tiftakarx. Ma tafx x'ismu, lanqas it-tfajla. Tghid li '*din it-tfajla kienet cemplitli, kienet gabet in-numru tieghi u kienet staqsietni rigward ghandi post il-Gzira u kienet qaltli biex niltaqa' maghha ghax dan qieghed vojt, biex nikrihulha, kont iltqajt magha fit-triq fejn ghandi dan il-post, kienet staqsietni l-kera kemm hi u kont ghidtilha ta' two hundred euros (€200) fix-xahar. Niftakar kull ma kienet ghamlet mal-partner taghha xi erbat ijiem, kienet cemplitli u qallti li m'ghadhiex mal-boyfriend taghha u kienet ser tghajtini c-cwievet taghha. Dak li niftakar.*' Il-post qieghed il-Gzira fejn tal-BMW is-showroom mal-ground, faccata hemm ground. Hemm stage u pompa tal-petrol faccata ta' Paul and Rocco. Il-kera kienet mitejn ewro fix-xahar, tiftakar li kienet taghtomli. Ghandi ikun isfar kien il-bieb dak iz-zmien. Spjegat li '*kif tidhol hemm salott, kuridur, imbaghad hemm bitha, one bedroom ohra, kcina u kamra tal-banju u bitha fuq in-naha ta' barra.*' Ma kintix taghta ircevuta u lanqas kuntratt ma ghamlu. Damet erbat'ijiem biss '*kienet cemplitli niftakar biex itini c-cavetta ghaliex ma kintix ghadha mal-boyfriend taghha u ma xtaqitx tibqa' toqghod hemmhekk aktar, dak ili niftakar jiena.*' Il-post haditu b'wirt, ilu ghandha tlett snin u tlett xhur. Meta haditu minn ghandha kollox verbal kien, ma qaltiliex x'se taghmel bih u lanqas staqsietha, taghta c-cavetta u taghta l-flus u daqshekk. Wahedha kienet. In ri-ezami qalet li kelmitha wahedha izda kienet mal-boyfriend taghha. Izda kelmitha wahedha, il-guvni jistenniha go karozza. Dan kien bejn sena u nofs u sentejn ilu. Mistoqsija regghet kelmitha, wiegbet ma' *Omissis*? Qalet le, ma ratiex drabi ohra u lanqas lil imputat. Missierha Raymond Magri , hawn minn jghidlu Mundu jew Raymondo.

**Brian Frrugia** in rapprezentanza ta' Transport Malta fis- 17 ta' Ottubru, 2012 xehed li l-vettura binn-numru ta' registrazzjoni LCP674 li hija tal-ghamla Volkwagen Gold ta' kulur abjad u registrata fuq Roderick Vella bin-numru tal-karta tal-identita' 420585M u dan mill-1 ta' Ottubru 2010. Gie esebit dokument dwar din il-vettura.

**Romwald Attard** fis- 17 ta' Ottubru, 2012 xehed li sab erba' kontijiet f'isem Roderick Vella bejn Jannar 2011 u Lulju 2011. Tlett savings account u credit card visa classic.

Gew prezentati statements ghal dan il-perjodu. Romwald Attard rega xehed fil-hamsa u ghoxrin (25) ta' Frar tas-sena elfejn u tlettax (2013) fejn spjega li '*mill-kont numru 40015396141, f'dak il-perjodu igifieri mill-1 ta' Jannar, 2011 sa 31st July, 2011 sar depozitu wiehed ta' fifty euros (€50) u nesebixxi kopja ta' dan id-deposit.*' Spjega li '*Mill-kont bin-numru 40017102100 fl-istess perjodu sar deposit ta' two hundred and forty.*'. Jghid li wiehed sar mill-branch u l-iehor sar mill-ATM. Spjega li '*fil-kont l-iehor, l-aktar li kien hemm, kont bin-nurmu 40015907323 saru diversi deposits u jiena gibt kopja ta' kull deposit li sar.*' Id-dipartiment ma joqghodx jikkonferma jekk il-firma hija tajba jew le ghalkemm il-bank ikollu firma tal-klijent. Giet esebitia speciment signature. Spjega li '*Il-procedura hija meta xi hadd jiddeposita f'ATM dawk ikun hemm l-envelopes u jimtlew id-dettalji, igifieri ikun l-isem tal-klijent, telephone number, firma u l-account number. Dawn imbaghad jingabru, imorru f'dipartiment apposta u skond dawk id-dettalji lil-klijent ikun nizzel dak jigi processat. Igifieri dak l-account number il-klijent ikun ta' instructions lil bank biex jiddeposita, jigi depositat f'dak il-kont. Pero d-dipartiment ma joqghodx jara li l-firma hijiex tajba jew le, issa dak imbaghad jekk ikun hemm xi query imbaghad issir il-kjarifika.*' Romauld Attard rega xehed fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbatax (2014), din id-darba in kontro-ezami. Saret referenza ghal fol 96 u cioe Dok RA2 fejn spjega li '*Il-kelma deposit ifisser depozitu u jista' jsir b'diversi modi, pero' heq ir-referenza normalment dik it-three zero one (301) dik hija referenza ghal Dipartiment fil-Head Office jigifieri m'huwiex branch li normalment ikun sar thru ATM umbaghad il-procedura hija illi jmur f'dan id-Dipartiment il-Head Office u tghaddi t-trasnsazjzoni minn hemmhekk. Dak it-three zero one (301) jirreferi ghal Dipartiment tal-Head Office li normalment jaghmel dan ix-xoghol ta' transazzjonijiet.*' Ikkonferma li kwalunkwe perusna li ghandu access ghal card jista' jaghmel depozitu u cioe' min ghandu l-cashlink card u l-pin. Minghajr il-pin ma tistax taghmel depozitu. Ma jidhirlux li jivverifikaw il-firma. Huwa xehed ukoll dwar withdrawals li kien hemm. Dwar il-visa statement qal li six eight eight (688) huwa dovut lil Bank.

L-**Ispettur Louise Calleja** xehdet fis-seduta tal- 11 ta' Mejju ,2015 fejn qalet li kienet intbaghtet din il-complaint, tkellmet mal-Magistrat tal-Ghassa u bdew l-investigazzjoni. Kienet baghtet ghal *Omissis*, id-dikjarazżjoni taghha ittiehdet bil-gurament fil-presenza tgahha quddiem il-Magistrat Claire Stafrace Zammit. Kelmitu

ukoll ommha, kienet tkelmet mal-Agenzija Appogg peress li kien hemm sitwazjzoni ta' vjolenza fejn harget li parti mill-allegazzjoni kienet li qed tintbghat biex taghmel xoghol ta' prostituzzjoni. Ma tafx jekk kellux kazijiet pendenti jew qattx kellu. Jidhrilha li kien hemm xi haga imma mhux min naha tal-Vice. Tiftakar li kien hemm ammont ta' flus li kienet taghmel u tghaddihom lil imputat. Kien ikollha klijenti kull lejl, l-ammont li kienet tigbor fil-lejl kienu jmorru jiddepozitawhom l-ATM. Qatt ma indikatilha klijent izda kellha lil Chanelle Farrugia li kkonferma li kienet qieghda hemmhekk. Mistoqsija ivverifikatx jekk din *Omissis* kelliex cashlink card ukoll fuq isimha fuq l-istess account, wiegbet li staqsietha zgur pero' dejjem inistiet li jekk kelliex jew le, trid tiftakarhom dawn ghax qed jtikellmu snin ilu, izda taf zgur li l-ammonti kienu jigu depozitati bl-istess card, l-istess fuq li qeghdin fuq Roderick Vella. Mistoqsija talbitx comparison tal-firem qalet le jidhrilha li talbet statement of accounts u deposits f'perjodu partikolari. Fl-ebda hin waqt l-investigazzjoni Roderick Vella ma qalilha li huwa illiterat, l-istqarrija ma ffirmahiex hu izda giet moqrija lilu u ghazel li ma jiffirmax fl-ebda hin, fl-ebda hin ma qal li mhuwiex se jiffirma ghax ma jafx jikteb jew jaqra. Spjegatl i Mary Aquilina kienet maghrufa maghhom il-Vice Squad, dwar swat, dwar threesome ma tafx, hi ma vverifikatx ma' Mary Aquilina ghax ma setghux isibu lil din il-persuna. *Omissis* qalitlha li ghandha relazzjoni ma Gordon, l-Ispettur qatt ma kellha kuntatt ma' Gordon, l-allegazzjoni ma kinitx fuq Gordon. Ma tafx li Chanel Farrugia giet investigata diversi drabi fuq rapporti foloz, tafha f'kaz li kienet vittma ta' abbuz sesswali ta' hdax-il sena. Ikkonfermat li l-Ispettur Melvin fl-elfejn u tnax (2012) kien il-Vice squad. Dwar kontijiet bankarji ta' *Omissis* qalet li tahseb staqsiet lilha, kienet qaltilha li kienet taghmel xoghol f'supermarket u filghaxija tmur ghal dan ix-xoghol. Ma ccekjatx kontijiet bankarji ta' *Omissis*. Dwar li *Omissis* semmiet li dan il-post kien jinkera minn xi zewg persuni ohrajn li jahdmu bix-shift skont x'qalet hi, ma ccekjatx min kienu, lanqas investigat lil Claire sid il-post fuq l-iskop. Dwar li fl-istqarrija l-imputat semma l-uzu ta' droga minn *Omissis* gewwa flat San Pawl il-Bahar u li kellha daqqiet tal-labar qalet li kienet insistiet li dak li qed jghid mhux minnu. Qatt ma giet min jhedda, hi kienet baghtet ghaliha. Ma ratilhiex daqqiet tal-labar. Tghid li baqghet tinsisti li ma kelliex dawn il-problemi, li qed jivvinta ghax hi qed tirrapurtah. Ma semmietx residenza San Pawl izda l-Mosta. L-omm baghtet ghaliha ghalkemm ma ghamlitx ir-rapport hi. Kienet

preokkupata dwar bintha ghax kienet qed tara li inbidlet. Kienet innutat xi haga fuqha u tkelmet maghha. Il-vettura ma rathiex, ma ratx kif tinqafel il-karozza. Ma tiftakarx li uriet ic-ceritifkat mediku lil Roderick Vella. L-istqarrija ta' *Omissis* ittiehdet bil-mitkub mill-Magistrat. Wahedha kienet kelmitha umbaghad ghamlu l-appuntament ghax-xhieda bil-gurament mal-Magistrat. Sa fejn taf hi ma jaghtux kopja tax-xhieda.

L-appellant **Roderick Vella** kien irilaxxa stqarrija fid- 29 ta' Mejju, 2012. Huwa kien ha parir legali minghand Dr Edward Gatt izda minkejja li huwa ma nghatax id-dritt li jkollu Avukat prezenti matul l-istqarrija, ma tressqitx kontestazzjoni dwar l-ammissibilita' ta' din l-istqarrija, ghalhekk din il-Qorti qieghda tqisa bhala prova ammissibli. F'din l-istqarrija huwa qal li huwa delivery man u dan mit-tnax (12) ta' Dicembru tas-sena elfejn u tnax (2012). Kien ghamel xi erba jew hames xhur unemployed u kien jirregistra. Qabel kien jahdem ma kuntrattur rite mix, kien driver, kien ghamel maghhom xi sentejn jew tlieta. Mistoqsi jekk is-sena l-ohra ghamel xhur ma jahdimx u liema kienu, wiegeb li '*bdejt ftit qabel ma hassart mat-tfajla li kelli ghax mohhi ma keinx qieghed hemm. Darba minnhom ircevejt telefonata minghand omm Omissis li jsimha Omissis, fejn din bdiet tajjarni, toffendini u qalti li t-tifla taghha Omissis kienet qeghda tiehu drogi. Jien ghdtilha li jien ma niehux dorgi u lit-tifla tieghek ma ntihiex drogi. Omissis qaltli li kienet temmen li jiena ma niehux drogi pero qaltli li Omissis kienet qed tiehu d-drogi.*' Kien ilu ma' *Omissis* seba' snin, dwar li allegatament *Omissis* kienet qed tiehu d-droga qal li kien telaq mix-xoghol u ridha tghidlu minn fejn kien qed igib dawn l-affarijeet u min kien qed itihomla. Jghid li '*Din dejjem x'kienet qalet ommha pero rajt affarijiet f'idejha li ma kienux jghogbuni, li kienu qishom daqqiet ta' labar. Jien ghidtilha li jekk kienet ser tibqa sejra hekk jien u hi konna ser niefqu mir-relazzjoni.*' Hadha d-dar u daqqiet tal-labar rahhom missieru, qalilha li kienet ser tinqered bhal ohtha, dan kien il-Hadd, ommha darba cemplet u qalet li *Omissis* ghamlitilha garanzija biex ma tersaqx lejn id-dar taghha. Ghamlitha fuqu wkoll. Jghid li ha l-mobile lil *Omissis* u qal lil *Omissis* li jekk riedet taghmel garanzija kellha taghmilha bil-Qorti u qalilha li t-tifla taghha ma setghetx tkecciha mid-dar. Dak iz-zmien *Omissis* kienet qed toqghod mieghu, huwa kellu depresson qawwija ghax ommha

taqbad mieghu, tiggieled mieghu u dak it-tip. Spjega li '*Giet ghalih fir-residenza tieghu u zammewjha missieru u huh, bdiet toffendih, tghajjru u theddu. Dak il-hin ma ghamilx rapport. Omissis kienet fir-residenza tieghu u Omissis qabdet gebla biex twaddabilu u harget Omissis u tghat daqtejn ta' ponn go wicc ommha. Omissis telqet mir-residenza tieghi u Omissis riedet tigbor il-hwejjeg min ghand ommha u wara gew il-Pulizija u kif gew Omissis pruvat tghid li jien tghid xebgha lil Omissis. Din qaltilhom li ma kienx vera imma li ommha kienet giet ghalina. Omissis spiccat imkeccija mid-dar u hadtha tlett ijiem go lukanda.*' Kien qed jitkellem ma' *Omissis* u qalilha li kien ser jiehodha d-detox biex jara jekk hux qed tiehu droga u din harbet minn gol-lukanda. Grat il-bicca tax-xoghol tal-Furjana li gie mressaq il-Qorti fuqha. Il-Furjana bdew icemplulu u jhedduh Gordon Schembri li qieghed ma' *Omissis*, beda jheddu, jghajjru, joffedih u '*jien sibt fejn joqghod mort inhabbatlu u dan mar harigtx u tlaqt. Xorta spiccajt arrestat.*' Il-kaz ghadu ghaddej. Ghandu karozza Golf mark 4 numru LCP 674 u Volkwagon Polo tat-2005 ROD 104. Il-golf fuqu u l-polo fuq missieru. Il-polo xtraha bil-loan u l-Golf xtraha cash. Hu u *Omissis* ma kienux jghixu taht l-istess saqaf. *Omissis* ghandha Escort mark 6 JAC 161 pero ma ghadux ghandha. Ma jafx ghandhiex karozza ghalkemm rawha ghaddejja b'karozza bajda minn hdejn id-dar tieghu. Il-Golf ghandu kambjala li hallasha kollu hu, ghandu ittra miktuba minn *Omissis* fejn tghid li l-Golf xtratilu rigal pero xorta ta' il-flus li kellu jaghti. Il-Golf xtratu *Omissis* u hallasha hu. Ghandu ktieb iffirmat minnha. *Omissis* kienet tahdem gewwa shop in, kienet ilha xi tlett xhur. Dejjem hadmet pero waqfet xi xahrejn tlieta biss, il-bqija dejjem hadmet. Mistoqsija kellhomx problemi s-sena l-ohra u cioe' fl-elfejn u hdax (2011) wiegeb li '*Problemi minhabba ommha ghax dejjem imqabbda mieghi.*' Minn kif miet missier *Omissis*, minn Frar 2006. *Omissis* bdiet tohrog ma wiehed u beda jehel hu ta' kollox.

Qal li jista' jkun li *Omissis* gieli sabitu l-Gzira pero ma kien ma l-ebda mara, sabitu wahdu gol-karozza. Mistoqsi x'kien qed jaghmel il-Gzira u fejn kien wiegeb '*Fejn l-A1 bar u kont wieqaf inpejjeg spigarett. Ma kont qed nistenna lil hadd u ma kont miftiehem ma hadd.*' Kien qalilha li qieghed barra, ma jidirlu li gara xejn biex mar il-Gzira. Mistoqsi dwar rapport li fl-Lulju 2011 u xhur ta' qabel gieghel lil *Omissis* tibda tipprostitwixi ruhha l-Gzira u postijiet ohra, cahad dan. Mistoqsi dwar jkk kien isegwiha halli jassigura li tkun qed taghmel ix-xoghol mal-klijenti wiegeb '*Dak x'qalet*

*hi hu! Kienu jsiru hafna affarijeit minn wara dari.*' Cahad li gieghla tikri flat. Spiccaw f'nofs Lulju, 17 jew 18 ta' Lulju 2011. Cahad li sakkara fil-karozza, jghid li kollha gideb u li ma jafx kif tista' persuna issakkarha go karozza. Cahad li sawwatha, hadilha c-cwievet u l-mobile, jghid li gidba ohra. Cahad li ried jirrangala biex jaghmel is-sess maghha u ma mara ohra u li *Omissis* ma accettatx. Jghid li '*Minn halq Omissis johrog hafna gideb verita qatt ma tohrog.*' Fl-ahhar xahrejn tlieta ghamlet affarijiet min warajh u tigdeb. Ma kienx jghajjarha qahba lil *Omissis*, jghid '*Mela t-tfajla tieghi nista' nghajjarha qahba.*' Il-gideb huwa d-daqqiet ta' labar. Il-Golf ila ghandu xi sentejn. Telaq lil *Omissis* ghax kellha lil haddiehor u filfatt haditu go post Bugibba l-fuq mic-Cherry Tree, bdiet icempel go flat u ma fetah hadd, ma Gordon harbet. Ikkonferma li telaqha ghax kienet ma haddiehor. Telaqha habba hafna affarijiet. Qatt ma ra lil *Omissis* tiehu droga imma f'xahar naqset aktar minn 30 kilo. Jahseb li kien Lulju. Jghid li gideb li flus kienu jmorru fil-kont tieghu jew jinghataw lilu f'cash. Mistoqsi '*Jekk nghidlek li kont issawwatha u theddidha lil Omissis, xi tghid?*' wiegeb '*Jien nahseb din spiccat miskina.*' Mistoqsi dwar certifikati medici, staqsa jekk wara Lulju 2011 ma ghandu x'jaqsam maghha. Suggeriet lilu li certifikat mediku qabel Lulju 2011, qal ma jafx jista' jkun imma x-xebgha mhux minghandu. Kienet taghmel affarijiet minn wara daru. Ma jafx x'kienu jaghmlulha n-nies. Jghid li meta prova jghidilha dwar id-droga ma hax risposta. Jghid *li* '*ma nahsibx li t-tbengil ghandu miktub Roderick Vella.*' Huwa kompla jichad li gieghla taghmel il-prostituzzjoni, hu u *Omissis* ma ghadhomx bil-kuntatt kompletament. Mistoqsi ghala allegat dan, jghid li biex isir hsara minnu, vendikazzjoni. Vendikazzjoni minn *Omissis*, ommha u minn '*dak il-barri Gordon. Ghax jafu li jien ghandi xoghol ghandi familja tiehu hsiebi ghandi tfajla. Ghalhekk.*' Ma jaqbilx li anke Michele ghandha xoghol, familja u guvni, jghid li familja ghax ommha ma taghtix kasha, dwar xoghol jghid '*x'xoghol hu li qed jehodha hu. Li allegat fuqi.*' Jghid li '*Jien ghajnejn ghandi. Diversi drabi rajt lil Gordon ma' tfajliet differenti. Mhux kulhadd jaf x'inhu Gordon.*' Mistoqsi kieku kellu jirranga xi haga f'hajtu x'jaghmel wiegeb '*Li l-inkwiet bejnietna qatt ma sehh u kieku ghandna flimkien. Ommha ma tahmilnix pingut.*' Mistoqsi '*Ara nghdix sew li ma tahmlex pingut ghax rat lil bintha Omissis tbaghti u anke rat tbengil fuqha u ratha titkisser meta int bdejt tabbuza minnha sew, tant li giegheltha tmur ghal qohob?*' Wiegeb li ila ma tahmlux zmien. Din l-istqarrija ma hijiex iffirmata mill-imputat. WPC W38 Monica Bartolo fis-seduta tal-hamsa u

ghoxrin (25) ta' Frar tas-sena elfejn u tlettax (2013) gharfet il-firma taghha u tal-Ispettur fuq kull pagna u xehdet li l-imputat kien ghazel li ma jifirmahiex l-istqarrija.

L-imputat **Roderick Vella** kien ghazel li jiehu l-pedana tax-xhieda fit- 18 ta' Lulju, 2018. Huwa xehed li kien f'relazzjoni ma' *Omissis*, li ghamlu xi tmien snin jew seba' snien u xi haga u spiccaw f'temp ta' xahrejn. Li wara xi sena li spiccaw kien qieghed id-dar, gew pulizija pajzana, CID ihabtulu l-bieb u qalulu biex jarrestawh. Qalulu li '*kont prostituzzjoni fuq Omissis insomma u arrestawni. Ifhimni ghiditlha jiena ilni sena mhux maghha il-persuna. Ma nafx x'inhu jigri insomma u haduni id-Depot.*' Spjega li r-relazzjoni taghhom kienet tajba hafna, l-ahhar xahrejn ma tantx kienu dan. Qatt ma ghexu flimkien, tlett xhur biss ghamlu jghixu flimkien, *Omissis* kienet tghix ghand ommha u hu ma' ommu l-Mosta stess. Kienu jiltaqghu kuljum. Kellha garaxx 'l isfel minn Fra Ben, boathouse. Kienu jhobbu fis-Sajf imorru daqsxejn hemm, joqghodu daqxejn ghal kwiet. Ikkonferma li semgha tghid li kien hemm xi incidenti ta' vjolenza. Jghid '*Jiena ma nafx bihom dawn l-affarijiet ta' vjolenza ifhimni. Ipprezentat ic-certifikati wara xi tliet (3) xhur. Sewwa jigifieri m'ghandix idea jigifiri bihom.*' Jghid li '*Chanelle Farrugia m'ghandix idea taghha. Just kont naraha. Konna inkunu f'post Paceville jigifieri f'nightclub, aw f'disco insomma u kont naraha tkellimha pero' m'ghandix idea ta' wiccha. Idea ta' wiccha jigifieri minn hawnhekk sirt naf dawn.*' Mistoqsi dwar appartament il-Gzira hdejn ta' Paul & Rocco qal '*Jien ma naf xejn. Ifhimni jiena qatt ma krejt appartament il-Gzira. Qatt ma kelli residenza jigifieri il-Gzira. Qatt ma qghadt il-Gzira jiena jigifieri m'ghandix idea. Mill-Gzira gieli ghaddejt per ezempju ifhimni. Il-Gzira hija triq jghaddi kulhadd, kif taqbad tghid pero' qatt ma kelli appartamenti hemm u dawn l-affarijiet. Issemma' iva xi haga u telghat xi Sinjura tixhed ifhimni pero' jien m'ghandix idea ta' wiccha u hi m'ghandhiex idea ta' wicci.*'

Huwa kien jahdem construction ma kumpanija, jibnu, kien ma' xi tlieta jew erbgha. Dak iz-zmien kien jahdem ma' wiehed, mal-Kunsill, lejn l-ahhar tas-seba' snin. Kienu jaghmlu xoghol il-kunsill. Il-karozza tieghu kienet Volkswagen Golf bajda, kien xtraha mill-Ingilterra bil-loan, kienu ghamlu karta bejniethom u l-karozza kienet tithallas bejnu u *Omissis*. Kif temmew ir-relazzjoni il-karozza thallset kollha, ghandu

karti iffirmati minnha. Dak iz-zmien kien joqghod ghand ommu il-Mosta. Dak iz-zmien ma kellux proprjeta' tieghu.

In kontro-ezami ikkonferma li hu u *Omissis* kienu f'relazzjoni qrib it-tmien snin. Sena wara li spiccaw ir-relazzjoni il-Pulizija gew ghalih. Jghid li r-raguni kienet li kien hemm xi nies mill-familja tieghu u rawha go flat Bugibba, kien ghamel rapport lil Pulizija il-Mosta. Kien hemm xi inkwiet ma ommha li ma emnitux. Jghid li spiccaw fis-sbatax (17) ta' Lulju tas-sena elfejn u hdax (2011) jekk mhux sejjer zball. Dak iz-zmien fl-ahhar kienet qieghda tahdem go supermarket Scotts imbaghad waqfet u kienet marret is-shop in, imbaghad kienet taghmel daqxejn xoghol ghal rasha, taghmel id-dwiefer. Wara x-xoghol kienu jiltaqghu u kienu jaghmlu sa xil-hdax. Dwar Chanelle Farrugia jghid li '*Lill-Qorti.. Xahar qabel il-kaz tieghi iltaqghu u tkellmu il-mistoqsijiet li saru, x'jismu? Roderick. X'karozza ghandu? Golf. Minn fejnhu? Mill-Mosta. Ifhimni mhux ovvja. Jien ma nafx ifhimni. Chanelle Farrugia inqabdet tliet darbiet tixhed falz f'kazi ohra.*' Jghid li sena qabel il-kaz tieghu kien il-Mosta u ra lil *Omissis*, kien ga spiccaw u hadu kafe u ghadu jitkellmu. Hargitlu erba' karti mill-handbag u qalet li pruvat taghmel statement kontrih mal-Ispetur id-Depot. Jghid li '*dan il-Pulizija li kien qallha ma jmissekx tisthi taghmillu hekk? Qaltli ara xi pruvajt naghmel. Qaltli imma dak, ma rnexxilix.*' Lil Pulizija qalilhom, anke lil Pulizija tal-Vice Squad. Lil Chanelle wiccha jafu biss Paceville, kien jarah jkellimha pero' ma ghandux idea min hi. Il-Golf qabel ma spiccaw kienet ta' *Omissis* imma kif spiccaw ir-relazzjoni qabad il-flus cash, ghandu l-karti d-dar iffirmati minn *Omissis*, iffirmathomlu li hallasha il-karozza, li mhallsa l-karozza.

Dwar depoziti ta' pagamenti li kienu jsiru filghaxija l-Bank, qal li l-firma mhux tieghu, ma jafx bihom. Jghid li '*Il-karti tal-Bank tieghi kienet ghand Omissis. Anke' il-passaport, il-passaport ghandha kien. Il-Qorti kienet talbet biex iggibuli ifhimni u gabruhuli il-Qorti. Jien kollox ghandha kelli. Jien dawk l-affarijiet kollox f'idejha.*' Insista li l-firma li hemm mhux tieghu. Mistoqsi jekk ghamilx rapport dwar il-firma li qed jghid li mhux tieghu wiegeb li l-Avukat l-iehor kien qalilkom xi haga. Kellu jkellimhom pero il-firma mhux tieghu. Jghid li qabad u nehhieh dak l-account, mistoqsi kemm ilu li nehhieh qal li forsi erbgha. Jghid li ma jridx iktar problemi ma jmurx jergghu

jaghmlulu xi haga u jerga' jehel hu. Jghid li *Omissis* prezentat certifikati ta' vjolenza ta' erba' xhur li ma humiex jiltaqghu. Jghid li erba' xhur wara inthom tlabtuha certifikati ta' vjolenza ghax qalet li qed tigri vjolenza. Ma jistax ikun li kienu flimkien fid-data tac-certifikat. Rapport dwar il-flus li dahlu fl-account u l-firma tieghu ma ghamilx, jghid li meta mar l-Ghassa tal-Mosta biex jiprova jaghmel rapport, kulhadd jaghlaqlu l-bibien f'wiccu. Xehed li '*Din l-istess bhal ta' Darren. Sewwa meta mort naghmel rapport li l-gharus taghha, Gordon Schembri qed jheddidni u qed ikissirli il-karozza, ghamilli b'elf u hames mija hsara fil-karozza, kulhadd ghalaqli il-bieb f'wicci. Qbadt u mort jien il-Furjana hux ghax hadd ma jiehu dana hux. Ghax dana ikun ma' dana jista' jaghmel li jrid hux. B'elf u hames mija ghamluli hsara mal-Golf li qed issemmi inti. Qeghda gol-garage iggaraxjata.*' Dwar pagamenti tal-Golf wiegeb li '*jien kont inhallashom. Il-flus kont qed intiehomlha jien u hi tmur thallashom. Issa kif spiccajna kien baqa' xi tlett elef, tlett elef u xi haga. Qbadt tlett elef cash u tajthomlha. U iffirmatli karta, mhux qeghda fuqi. Meta trid nurihielek jigifieri. M'ghandix dana li l-karozza hallastha in full. Paid in full. Issa jien x'ghamlet mal-Bank, diga ma nidholx fiha. Jiena ghalija hallastha. Suppost hi kellha tmur thallas il-karozza ghax hi kienet qalet li l-karozza mhux qeghda thallasha. Dika ma nidholx fiha jien.*' Il-karozza mhallsa. Il-karozza iggaraxxjata b'elf u hames mija hsara li ghamillu l-gharus taghha. Kissruli hgiega. Dan kien f'dawn is-sitt snin, seba snin kemm ilhom jitilghu l-Qorti.

Rat illi nhar il-5 ta' Jannar 2021 dehret l-Assistent Registratur Maria Dolores Fenech li ppezentat lista tal-akwza li kien hemm pendenti fil-konfront ta' Gordon Schembri u dan fuq talba tal-avuakt difensur . Minn esami ta' l-sitess lista jirrizulta li dan Gordoin Schembri kellu erba' kawzi pendenti quddiemil-Qorti tal-Magistrati.

Rat ukoll is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijeit **il-Pulizija vs Gordon Schembri** nhar it-3 ta' Dicembru, 2015 fejn jirrizulta li fuq ammissjoni ta' Gordon Schembri stess huwa kien instab hati tar-reati addebotati lilu li inter alia jikkoncernaw arrest illegali, xjentement ghex ghal kollox jew in aprti fuq il-qliegh tal prostituzzjoni ta' persuna ohra, zamm jew ezercita jew kellu sehem ma ohrajn fl-esercizzju ta' burdell, kellu fil-pussess tieghu post jintuza ghal skop ta' prostituzzjoni u gie kkundannat sentejn

prigunerja sospizi ghal erba' (4) ai termini tal-artikolu 28A tal kap 9 tal-ligijiet ta' Malta

Il-Qorti semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-4 ta' Mejju, 2021 fejn sahansitra l-avukat difensur tal-appellant stqarr li ma kienx qed jikkontesta l-istqarrija rilaxxjata mill-appellant minkejja li din giet rilaxxjata minghajr ma inghata id-drittijiet kardinali tieghu li setgha ikun assisstit minn avukat jew prokuratur legali.

**Ikkunsidrat;**

Skont l-appellant, il-Qorti qatt ma setghet legalment u ragonevolment issib htija tal-imputazzjonijiet numru wiehed (1), tlieta (3), hamsa (5) u sitta (6).

L-ewwel imputazzjoni taqra '*Biex jissodisfa z-ziena ta' haddiehor gieghel bil-vjolenza persuna tal-eta' u cioe lil Omissis ghall-prostituzzjoni, liema reat sar bhala drawwa jew bi hsieb ta' qliegh, u dan bi ksur tal-Artikolu 205 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*'

Din il-Qorti tqis il-verzjoni moghtija minn *Omissis* bhala wahda veritiera. Hija spjegat fid-dettal ta' kif spiccat fil-prostituzzjoni, il-postijiet li kienet titlajja fihom u l-fatt li l-appellant kien anke jkun vjolenti fuqha. Tispjega kif '*Dan Roderick beda jghajjat mieghi u inzilna l-Gzira u Roderick geghlni naghmel xoghol ta' prostituzzjoni sakemm tlaqtu sal-ahhar ta' Lulju.*' Tispjega kif l-appellant kien jixtrilha l-condoms u li kien jiehu l-flus hu, tant li fl-ahhar tal-gurnata kienet tiddepozitalu l-flus fil-kont bankarju tieghu. Kienet anke kriet appartament faccata ta' Paul and Rocco biex ikollha post aktar sikur fejn tipprostitwixxi ruhha. Ikkonfermat li kienet taghmel l-att sesswali komplut u li kellha bejn ghoxrin u tletin klijent kull jum. Spjegat li '*Il-flus kien jehodomli kollha Roderick, meta ma kontx intihomlu kien jigi u kien isawwatni.*' *Omissis* ukoll xehdet dwar it-tbengil li sabet fuq gisem binta.

Jirrizultaw divergenzi u cioe' konflitti fix-xhieda moghtija anke mix-xhieda tal-prosekuzzjoni. Kif ikkunsidrat fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Josric Mifsud) vs. Jennifer Chetcuti**[2]':

*'Fil-fatt fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-5 ta' Dicembru 1997 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Peter Ebejer**, dik il- Qorti fakkret li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li l-Gudikant irid jasal ghalih hu li, wara li jqis ic-cirkostanzi u l- provi kollha, u b'applikazzjoni tal-bon sens tieghu, ikun moralment konvint minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. Fil-fatt dik il-Qorti ccitat l-ispjegazzjoni moghtija minn Lord Denning fil-kaz **Miller vs. Minister of Pension** - 1974 - 2 ALL ER 372 tal-espressjoni "proof beyond a reasonable doubt".*

*"Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence 'of course it is possible but not in the least probable' the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing shall of that will suffice".*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

*"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja.'*

Fost dawn il-konflitti fix-xhieda jirrizulta li filwaqt li *Omissis* ssemmi li l-appellant kien sawwatha l-Gharghur, ommha *Omissis* tghid li bintha qaltilha li kien sawwatha x'imkien il-Mellieha. Filwaqt li *Omissis* xehdet li kienet thallas €250 fil-gimgha biex tikri appartament, Claire Magri sid il-post qalet li kienet tikri dan il-post ghal €200 fix-xahar u li t-tfajla li krietu kienet zammitu ghal xi erbat'ijiem biss. Dan izda ma

[2] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-10 ta' Jannar, 2019 (Numru: 1191/2014)

jfissirx li l-parte civile ma qalitx il-verita. Shanelle Farrugia[3] fil-bidu tax-xhieda taghha datata t-tmintax (18) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnax (2012) tghid li ltaqghet mal-appellant xi tlett snin ilu, kien klijent taghha ukoll u tghid li tlett snin ilu kienet giet *Omissis* waqt li kienu fil-karozza hi u l-appellant. Minn naha l-ohra skont ix-xhieda ta' *Omissis* dan sehh f'Marzu tas-sena elfejn u hdax (2011) u ghalhekk mhux tlett snin qabel kif xehdet Shanelle Farrugia. Aktar il-quddiem fix-xhieda taghha, Shanelle Farrugia tikkonferma li *Omissis* kienet tiprostitwixxi ruhha fl-elfejn u hdax (2011) u ghalhekk din tikkollaborha x-xhieda tal-parte civile. Jirrizulta li hemm nuqqas ta' kjarita fil-post ta' fejn *Omissis* kienet rat lil Shanelle l-ewwel darba u xi differenzi fid-dettalji moghtija fix-xhieda taghhom, fis-sens li filwaqt li Shanelle Farrugia tghid li kienet fil-karozza mal-appellant, *Omissis* tghid li l-appellant kien mindud wahdu fil-karozza u kien hemm handbag u li rat lil Chanelle gejja. Shanelle Farrugia meta xehdet l-ewwel darba f'dawn il-proceduri mistoqsija jekk *Omissis* kienet taghmel ix-xoghol ta' prostituzzjoni ghax riedet hi wiegbet '*Le, ghax kien tigeghlha huwa, quddiemi stess.*' Meta Chanelle Farrugia xehdet in kontro-ezami ghalkemm regghet ikkonfermat li *Omissis* kienet taghmel xoghol ta' prostituzzjoni tghid li *Omissis* mill-ewwel accetat u li l-ghada u l-pitghada *Omissis* kienet tghidlu '*ejja gej ghalija ha mmorru*' u kkonfermat li kienet tghidlu beix tinzel hi. Hi spjegat li l-appellant kien '*dakinhar qabad lil Omissis tefaghha fil-karozza, hadmet, dawk it-tlett (3) sighat minflok qadt ghax-xoghol jiena qadt fil-karozza ta' Roderick nistennew lil Omissis. Fl-ahhar kif wasalni d-dar qabad il-flus u tahomli.*' Filwaqt li meta xehdet l-ewwel darba Shanelle Farrugia ma semmietx li l-appellant kien jaghtiha l-flus jew mill-flus li *Omissis* kienet taghtih mill-prostituzzjoni, meta Shanelle Farrugia xehdet in kontro-ezami qalet li ghal tlett gimghat, xahar l-appellant kien jaghtiha l-flus li *Omissis* kienet taqla mill-prostituzzjoni. Tghid ukoll li *Omissis* '*ghamlet xi xahrejn ohra tinzel u ma kinietx tkellimni lili.*' *Omissis* fix-xhieda taghha tat-tlettax (13) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnax (2012) mistoqsija kif bdiet taghmel xoghol ta' prosittuzzjoni wiegbet li '*dak kien qieghed ma Chanelle fil-karozza, bhalma ghidtilkom, u morna l-Imsida niltaqghu, Chanelle bdiet tgerger ghax ma ghamlet xejn ghax kont telliftilhom ix-xoghol ta' bejniethom, ghax skond Chanelle kienet qaltli li hu kien itiha l-flus, igifieri jekk dan talabni fifty euros (€50) mill-paga tieghi, jew mill-paga tieghu, dejjem hu bla flus, <u>dan kien itihom lilha</u>, ghax*

[3] Xi kultant fl-atti imnizzla bhala 'Chanelle Farrugia'

*kienet qatli "dak m'ghandek x'tambih ghax dak tifel qed jghamillek, hekk, hekk u hekk". Meta konna dhalna fil-karozza morna induru mill-Imsida spiccajna l-Gzira u minn dakinhar, dakinhar meta qbadtu ma Chanelle Farrugia.'*

Din il-Qorti tqis li anke li kieku kellha tiskarta x-xhieda ta' Chanelle Farrugia u nonostante dak li xehdet din ix-xhud, jirrizulta li l-verzjoni moghtija minn *Omissis* hija aktar verosimili minn dik moghtija mill-appellant. Uhud mill-istatements u dokumentazzjoni prezentata mir-rapprezentant tal-Bank of Valletta jikollaboraw l-verzjoni ta' *Omissis* fejn jirrizulta li tard filghaxija u kmieni filghodu kienu jsiru numru ta' depoziti fil-kont bankarju tal-appellant. *Omissis* xehdet li kienet tiddepozita l-flus fil-kont tal-bank tieghu personali mal-BOV, li dan kien savings account mal-branch tal-Mosta. Mid-dokumentazzjoni pprezentata a fol 95 et sequitur minn Romwald Attard jirrizulta lil-kont intestat fuq isem *Omissis* u Roderick Vella kien mal-fergha tal-Mosta filwaqt li zewg kontijiet ohra dejjem skont dak li jirrizulta mill-istatements ipprezentati u li fihom jirrizultaw id-depoziti kienu kontijiet mal-fergha tan-Naxxar.

Din il-Qorti tqis li kien hemm numru ta' transazzjonijiet u dan bejn it-disgha u ghoxrin (29) ta' April tas-sena elfejn u hdax (2011) sa t-tmintax (18) ta' Lulju tas-sena elfejn u hdax (2011) skont RA8 a fol 192 et sequitur. Din il-Qorti tinnota li ghalkemm jirrizulta li kien hemm zewg depoziti li sehhew fis-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u hdax (2011) u fit-tmintax (18) ta' Lulju tas-sena elfejn u hdax (2011) filwaqt li *Omissis* tghid li r-relazzjoni mal-appellant waqfet fil-hmstax (15) ta' Lulju tas-sena elfejn u hdax (2011) l-appellant fl-istqarrija tieghu qal li r-relazzjoni taghhom spiccat fis-sbatax (17) jew tmintax (18) ta' Lulju tas-sena elfejn u hdax (2011) filwaqt li fix-xhieda tieghu xehed li r-relazzjoni spiccat fis-sbatax (17) ta' Lulju tas-sena elfejn u hdax (2011), ghalhekk din il-Qorti mhijiex taghti piz lil dawn iz-zewg transazzjonijiet u cioe' sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u hdax (2011) u fit-tmintax (18) ta' Lulju tas-sena elfejn u hdax (2011). Din il-Qorti lanqas qieghda tqis id-depozitu ta' hamsin ewro datat it-tmienja (8) ta' Jannar tas-sena elfejn u hdax (2011) li jidher a fol 153 u mmarkat bhala RA5 stante li l-kont jidher intestat fuq *Omissis* u Roderick Vella u li in oltre jirrizulta li *Omissis* bdiet tipprostitwixxi ruhha minn Marzu ta' dik is-sena. Kif

inghad jirrizulta ppruvat li kienu jsiru numru ta' depoziti fil-kont bankarju ta' Roderick Vella skont dokument RA2 a fol 96 et sequitur.

Ma hija bl-ebda mod verosimili l-verzjoni moghtija mill-appellant u cioe' li ma kienx jaf b'dawn id-depoziti. L-appellant jghid li l-firma li jidhru fuq id-deposit slips ma taqbilx ma tieghu, din il-Qorti tqis li filwaqt li dan ma giex stabbilit stante li ma saritx talba lil Qorti sabiex jinhatar espert kalligrafu sabiex jistabilixxi dan, jibqa l-fatt li anke jekk dawn id-depoziti kienu qeghdin jigu maghmulha minn *Omissis*, dan kien qieghed isir fuq struzzjoni tal-appellant u din il-Qorti hija konvinta li l-appellant kien jaf li dawk il-flejjes kienu gejjien mill-qliegh tal-prostituzzjoni. Din il-Qorti tistaqsi kemm huwa verosimili li li l-appellant ma kienx jaf li t-tfajla kienet qed tipprostitwixxi ruhha meta kienu ilhom f'relazzjoni l'fuq minn seba' snin u fejn l-appellant stess jghid li kienu jiltaqghu filghaxijiet ghalkemm jixhed li kienu jaghmlu sa xi l-hdax, l-ghaxra ghax hu kien xoghol full time? Id-dettalji li bihom xehdet *Omissis* tikkonferma li tali verzjoni hija wahda li ghandha mis-sewwa. Meta *Omissis* fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnax (2012) giet mistoqsija kif waslet biex tinzel mill-karozza u tibda titlajja wiegbet '*Roderick qalli, "inzel biex naraw x'taf taghmel", jien bdejt nghidlu, "le, le, le", Chanelle bdiet tghidlu, "din mhux tal-qatgha t'hekk", Chanelle kellha tlett (3) condoms fuqha qabdet u tghathomli, Roderick beda jghidli, "inzel ha naraw" u dakinhar kont ghamilt ma xi erba mitt euro (€400), kompla mar xtrali l-condoms mill-bar ta' faccata, minghand il-'Baginu' jghidulu u bqajt naghmel ix-xoghol ta' prostituzzjoni.*' Mistoqsija '*Inti ghidt li ghidtlu, "le", ma ridtx, ghaliex inzilt imbaghad, wasalt biex inzilt u mort u mort ma diversi irgiel dik il-lejla?*' wiegbet '*Ghax Roderick <u>beda jghajjat mieghi</u> u <u>beda jsawwatni</u>, <u>beda jkun aggresisv mieghi</u>.*' Ghalhekk jirrizulta ppruvat li l-appellant kien gieghel bil-vjolenza lil *Omissis* u hajjarha ghal prostituzzjonijiet u dan bi hsieb ta' qliegh.

L-appellant fit-tieni aggravju jissottometti li l-Ewwel Qorti ghamlet applikazzjoni u/jew interprettazzjoni skoretta u/jew inkompleta tal-ligi meta sabet htija dwar l-akkuza principali u cioe' l-ewwel imputazzjoni a tenur tal-artikolu 205 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghaliex skont hija mankanti ghal kollox il-prova tal-

element materjali tar-reat kif mitluba u rikjesta mill-artikolu 206 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-artikolu 206 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra li '*Id-delitti msemmijin f'dan it-Titolu li sabiex isiru jeħtieġ lijkun hemm konġunġiment karnali, għandhom jitqiesu ikkunsmati bil-bidu tal-konġunġiment, mingħajr ma tkun meħtieġa l-prova ta'atti oħra.*'

Ghalhekk skont l-appellant kellu jigi pruvat li kien hemm kongungiment karnali. Din il-Qorti tqis li dan ukoll jirrizulta stante li *Omissis* xehdet li '*kont taghmel atti sesswali maghhom bil-contraceptive dejjem, affarijiet normali igifieri, mhux, just atti sesswali biss.*' Meta giet mistoqsija mill-Qorti '*Igifieri kont taghmel l-att sesswali komplut?*' wiegbet '*Iva, ehe.*' Ghalhekk it-tieni aggravju mressaq mill-appellant ukoll jirrizulta infondat.

Ghalhekk l-Ewwel Qorti korrettament sabet htija tal-ewwel imputazzjoni.

Ikkunsidrat ulterjorament;

In kwantu t-tielet (3) imputazzjoni u cioe' li '*Xjentement ghex, ghal kollox jew f'parti minn fuq qliegh tal-prostituzzjoni ta' Omissis u dan bi ksur tal-Artikolu 7(1) tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta*'. Din ukoll tirrizulta ippruvata.

L-artikolu 7(3) tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li:

> '*Persuna titqies, sakemm ma jiġix ippruvat il-kuntrarju, illi xjentement tgħix, għal kollox jew f'parti, minn fuq il-qligħ tal-prostituzzjoni, jekk jinsab illi hija tgħix jew soltu tkun ma' persuna li teżerċita l-prostituzzjoni, jew illi hija ikkontrollat jew mexxiet lil dik il-persuna jew kellha ħakma fuqha b'mod li juri li hija qiegħda tgħin, tħajjar jew iġġiegħel il-prostituzzjoni ta' dik il-persuna ma'persuna jew ma' persuni oħra.*'

Kif gia ikkunsidra il-verzjoni ta' *Omissis* li kienet tghaddi l-flus lill-appellant u li uhud minn dawn il-flejjes kienu jigu depozitati fil-kont bankarju tal-appellant giet korroborata minn dokumenti esebiti mir-rapprezentant tal-Bank of Valletta plc Romuald Attard fejn irrizulta li saru numru ta' depoziti fil-kont bankarju tal-appellant tard filghaxijiet. In oltre', *Omissis* fix-xhieda taghha tat-tlettax (13) ta' Gunju tas-sena elfejn u tnax (2012) tispjega li l-appellant kien jixtrilha l-condoms u '*gieli kien jigi warajja kien joqghod ezempju erba' karozzi l-boghod sakemm inlesti biex jekk jigrili xi haga ikun hemm hu bhala protection. Kif inlesti kien iwassalni fejn kont inkun nitlajja u kif naslu kien jitlobni l-flus, kien jehodli l-flus kollha.*' Din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni ghala f'dan ir-rigward ghandha tvarja d-diskrezzjoni maghmulha mill-Ewwel Qorti.

Illi l-hames (5) imputazzjoni taqra:

> '*Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' Omissis f'periklu car, ikkaguna hsara tal-gisem jew fis-sahha taghha u kkagunalha ferita ta' natura hafifa u dan bi ksur tal-artikolu 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*'

***Omissis*** xehdet li r-relazzjoni mal-appellant spiccat mal-appellant fil-hmistax (15) ta' Lulju tas-sena elfejn u hdax (2011) filwaqt li l-appellant xehed li r-relazzjoni kienet spiccat fis-sbatax (17) ta' Lulju tas-sena elfejn u hdax (2011) u fl-istqarrija jghid li spiccat fis-sbatax (17) ta' Lulju tas-sena elfejn u hdax (2011) jew tmintax (18) ta' Lulju tas-sena elfejn u hdax (2011). Ic-certifikat ipprezentat a fol 117 u mmarkat bhala Dok MM1 huwa datat id-dsatax (19) ta' Lulju tas-sena elfejn u hdax (2011) fejn jirrizultaw diversi griehi fuq gisem *Omissis*, liema griehi gew iceritfikati bhala hfief u cioe':

'*1. Farrett zgħir fuq in-naħa ta' ġewwa tax-xoffa ta' taħt;*
*2. Tbenġila fuq l-ispalla il-leminija;*
*3. Tbenġila fuq id-driegħ ta' fuq il-lemini;*
*4. Tbenġila fuq il-minkeb lemini;*
*5. Tlett tbenġiliet żgħar fuq il-driegħ t-isfel tax-xellug.*'

*Omissis* fis-seduta tal-hamsa (5) ta' Novembru tas-sena elfejn u tnax (2012) xehdet li kienet marret madwar gimghatejn jew tlieta wara li giet aggredita mill-apppellant. In oltre', omm *Omissis* ukoll xehdet dwar it-tbengil li rat fuq gisem bintha.

Ghalkemm ma tressaqx biex jixhed it-tabib li irilaxxa dan ic-certifikat u lanqas ma gie kkonfermat bil-gurament, ma hemmx il-htiega sabiex dan isir sakemm ma jkunx hemm dubju ragonevoli li verament sehhew il-griehi. Huwa bizzejjed li jigi prezentat ic-certifikat u li l-Qorti ikollha konvinciment li l-parti leza verament tkun soffriet griehi. Kif meqjus fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija kontra Generoso Sammut**'[4]:

'*L-ewwel aggravju tal-appellant hu, bazikament, li ma ngabitx l-ahjar prova tal-offiza hafifa fuq il-persuna u tal-hsara volontarja fin-nuccali. Din il-Qorti ma taqbilx. Id-deposizzjoni tal-parti leza - Joseph Deguara - kienet prova sufficjenti kemm tal-offiza fuq il-persuna kif ukoll tal-hsara fin-nuccali. Hi zbaljata l-idea, spiss ventilata quddiem din il-Qorti, li biex issir prova skond il-ligi u sal-grad li trid il-ligi ta' offiza fuq il-persuna hemm bzonn ta' certifikat mediku jew tad-deposizzjoni ta' tabib. Tali certifikat jew deposizzjoni jistghu jkunu mehtiega jekk mid-deposizzjoni ta' xhieda ohra, inkluza l-parti offiza, jibqa' xi dubbju ragjonevoli dwar jekk verament kienx hemm offiza fuq il-persuna u/jew tat-tip jew natura ta' dik l-offiza. Fil-kaz in dizamina, id-deposizzjoni ta' Joseph Deguara, korroborata mill-ufficcjali tal-pulizija li kienu fil-ghassa, hi prova sufficjenti kemm tal-offiza (f'dan il-kaz offiza hafifa) fuq il-persuna, kif ukoll tal-hsara volontarja.*'

Ghalhekk din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni valida li abbazi taghha ma ghandhiex tikkonferma l-htija misjuba mill-Ewwel Qorti.

Illi s-sitt imputazzjoni taqra' '*Uza l-vjolenza sabiex igieghel lil Omissis taghmel xi haga u cioe' tipprostitwixxi ruhha u dan bi ksur tal-artikolu 251 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*'

L-Ewwel Qorti korrettament sabet htija ta' din l-imputazzjoni ukoll. Jirrizulta li l-appellant kien igib ruhu b'mod vjolenti fil-konfront tal-parte civile, fi kliem il-parte

[4] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-2 ta' Awissu, 1999 (Appell Numru: 33/99)

civile, '*hemm hafna possessivita.*' L-appellant kien jghajjar u jaggredixxi lil parte civile jekk tikkontradixxih u cioe' ma taqbilx ma dak li jkun ordna.

Ikkunsidrat;

Illi jonqos li jigi meqjus il-piena. L-appellant fit-tielet aggravju jissottometti li l-piena inflitta kienet wahda eccessiva u gravuza u li ma kinitx taghmel tajjeb ghal kaz. Jaghmel referenza ghan-natura semplici tal-kaz li kien fih minimu ta' xhieda, t-trapass ezageratament twil ta' zmien mid-data tal-akkadut sas-sentenza u cioe' tmien snin, ghal liema dewmien b'ebda mod ma jahti huwa, il-fedina netta tieghu salv proprju incident de minimis ma' omm il-parte civile, il-fatt li l-allegazzjoni ta' sfruttament testendi ghal perjodu relattivament minimu ta' ftit gimghat anqas minn erba' xhur u l-fatt li tul dawn l-ahhar tmien snin li ilhom ghaddejja l-proceduri huma ma xelifx difrejh mal-ligi u wisq aktar huwa aderixxa mal-kundizzjonijiet kollha tal-helsien mill-arrest tieghu b'mod rigoruz liema kienu jinkludu restrizzjoni fuq il-liberta u l-movimenti tieghu.

L-Ewwel Qorti ikkundannat lill-appellant ghal hmistax il-xahar prigunerija effettiva li minnhom jitnaqqas il-perjodu li l-imputat ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni mal-kaz kif ukoll a tenur tal-artikolu 382A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat il-hrug ta' ordni ta' trazzin fil-konfront tal-hati li permezz tieghu taghat effett ghal kull ma hemm fis-subinciz (3) tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghaf-favur ta' *Omissis* u l-familjari taghha ghal zmien tlett (3) snin.

Din il-Qorti tqis li minkejja li taqbel mal-appellant li ghadda ammont twal ta' zmien minn meta sehh l-akkadut sakemm inghatat is-sentenza, tqis li mhux biss ir-reati li taghhom gie misjub hati l-appellant huma serjissimi izda li in oltre jirrizulta li l-piena inflitta mill-Ewwel Qorti mhijiex il-massimu tal-piena li tistabilixxi l-ligi. Ghalhekk din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni valida li abbazi taghha ghandha tvarja l-piena inflitta.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata. L-ordni ghal zmien tlett (3) snin a tenur tal-artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li permezz taghha ordnat il-hrug ta' ordni ta' trazzin fil-konfront tal-hati u li permezz tieghu taghat effett ghal kull ma hemm fis-subinciz (3) tal-artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghaf-favur ta' *Omissis* u l-familjari taghha ghandu jibda' ghaddej mill-llum.

Il-Qorti tordna li l-isem u l-partikolaritajiet tal-kwerelanti f'dan il-kaz ma jigi imxandar f'kull mezz tax-xandir.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur